IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 12.6.2018
COM(2018) 473 final

2018/0249 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri

{SEC(2018) 315 final} - {SWD(2018) 347 final} - {SWD(2018) 348 final}

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Il-protezzjoni effettiva tal-fruntieri esterni tagħna hija prerekwiżit biex tiġi żgurata ż-żona sikura għall-moviment liberu ta’ persuni u ta’ oġġetti fl-Unjoni. Dan huwa wkoll fost l-għanijiet ewlenin tar-rispons tal-Unjoni lill-isfidi fl-oqsma tal-migrazzjoni u s-sigurtà kif deskritt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar *Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni*[1]. Jenħtieġ li l-għan tal-Unjoni (skont l-Artikolu 67(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE)) li tiżgura livell għoli ta’ sigurtà fi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja jenħtieġ li jintlaħaq, fost oħrajn, permezz ta’ miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u kontrolli tal-fruntiera fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, u l-politika komuni tal-viża. Il-kisba ta’ żona interna mingħajr fruntieri li fiha n-nies u l-merkanzija jistgħu jiċċirkulaw b’mod ħieles kienet ta’ benefiċċju importanti, kemm għaċ-ċittadini Ewropej kif ukoll għan-negozju. Iż-żona Schengen hija wieħed mill-mezzi ewlenin li permezz tiegħu ċ-ċittadini Ewropej jistgħu jeżerċitaw il-libertajiet tagħhom, u li bih is-suq intern ikun jista' jiffjorixxi u jiżviluppa. Hija waħda mill-iktar kisbiet tanġibbli tal-Unjoni li toħloq saħansitra iżjed ħtieġa li jissaħħu l-isforzi mmirati lejn is-salvagwardja tal-integrità tagħha, speċjalment fi żminijiet ta’ sfidi li jirriżultaw minn pressjoni migratorja.

Il-baġit tal-Unjoni kellu rwol ewlieni fil-finanzjament ta’ rispons komuni għad-dimensjonijiet varji tal-kriżi tal-migrazzjoni u l-preservazzjoni taż-żona Schengen. Il-Kummissjoni tipproponi li żżid l-appoġġ għall-assigurazzjoni tal-fruntieri esterni tagħna. Dan jinkludi l-ġestjoni tajba tal-flussi tal-merkanzija u tal-persuni billi jissaħħaħ il-kontroll tal-fruntieri esterni u l-iżgurar li l-Istati Membri jkollhom tagħmir adegwat biex iwettqu l-kontrolli doganali.

F’dan l-isfond, fit-2 ta’ Mejju 2018 il-Kummissjoni adottat proposta għal qafas finanzjarju pluriennali għall-perjodu 2021-2027 li fih huwa ssuġġerit li jitwaqqaf Fond ġdid għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri li se jipprovdi sostenn imsaħħaħ u vitali lill-Istati Membri għas-sigurtà tal-fruntieri esterni komuni tal-Unjoni, b’pakkett ta’ EUR 9 318 000 000 (fi prezzijiet attwali). Għall-perjodu li jmiss hija prevista żieda ta’ ħames darbiet iktar b’paragun mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali għall-pakkett globali għall-ġestjoni tal-fruntiera. Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri se jikkontribwixxi għall-iżvilupp ulterjuri tal-politika tal-viżi komuni u jiżgura l-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej fil-fruntieri esterni bil-ħsieb li jiġi ġestit il-qsim effiċjenti fil-fruntieri esterni. Dan jinkludi l-indirizzar tal-isfidi migratorji u t-theddidiet futuri potenzjali f'dawk il-fruntieri, u b'hekk jingħata kontribut biex tiġi indirizzata l-kriminalità serja b'dimensjoni transfruntiera, biex jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà interna fl-Unjoni, b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, filwaqt li jiġi ssalvagwardjat il-moviment liberu tal-persuni fi ħdanha. Jenħtieġ li l-finanzjament ta’ appoġġ ikompli jiġi pprovdut lill-Istati Membri biex jibnu u jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom f’dawn l-oqsma u biex isaħħu l-kooperazzjoni, inkluż ma’ aġenziji rilevanti tal-Unjoni. Il-Fond se jkollu rwol ukoll fl-iżgurar ta’ aktar uniformità fit-twettiq tal-kontrolli doganali fil-fruntieri esterni, billi jindirizza d-differenzi attwali bejn l-Istati Membri minħabba s-sitwazzjoni ġeografika u differenzi fil-kapaċitajiet u r-riżorsi disponibbli. F’dan il-qafas, il-Fond propost għall-Ġestjoni

[1] COM(2015) 240 final tat-13 ta’ Mejju 2015.

Integrata tal-Fruntieri (Integrated Border Management Fund, IBMF) se jkun magħmul minn żewġ strumenti: strument għall-appoġġ finanzjarju tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża, u strument għall-appoġġ finanzjarju għal tagħmir ta' kontroll doganali[2]. Din il-proposta tikkonċerna biss l-istrument tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża. Il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta separata li tkopri l-istrument għal tagħmir ta' kontroll doganali b'mod parallel.

It-tisħiħ tal-ġesjtoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-fruntieri esterni, kif definit fir-Regolament (UE) 2016/1624 li jistabbilixxi l-Gwardja Ewropea tal-Fruntieri u tal-Kosta[3], huwa pilastru ewlieni tal-azzjoni tal-UE u prerekwiżit għall-funzjonament normali tas-sistema Schengen. Il-kunċett tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntiera tgħaqqad flimkien għadd ta' komponenti li jeħtieġu jiġu indirizzati b'mod komprensiv u koordinat, miż-żona ta' kontroll tal-fruntiera, inkluż ir-riferiment ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkollhom bżonn ta' protezzjoni, il-prevenzjoni u d-detezzjoni ta' reati transfruntiera, operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, sa analiżi ta' riskju. Kooperazzjoni bejn l-aġenziji hija wkoll komponent importanti ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, bħalma huma l-mekkaniżmi ta' solidarjetà, inkluż il-finanzjament mill-Unjoni, bħalma hu l-IBMF il-ġdid, u b'mod partikolari l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża.

Il-fruntieri esterni tal-UE huma fruntieri komuni li jeħtieġu azzjonijiet kollettivi u konġunti minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti u atturi tal-UE u mill-Unjoni kollha kemm hi. Għaldaqstant il-ġestjoni ta' dawn il-fruntieri esterni komuni hija responsabbiltà kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera (European Border and Coast Guard Agency, EBCGA), li tikkostitwixxi żewġ pilastri tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Biex il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta timplimenta b'mod effettiv il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, hija ħtieġa kruċjali li jkun hemm kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet kostitwenti. Distribuzzjoni adegwata ta' riżorsi finanzjarji tal-UE sabiex jiġi żgurat li dawk l-Istati Membri li jkunu l-aktar milquta jkollhom kapaċità suffiċjenti fl-indirizzar tal-isfidi li jkunu kkonfrontati bihom, għall-benefiċċju tal-Unjoni kollha kemm hi. L-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża se jikkontribwixxi għal dan.

L-isforzi tal-gwardji tal-fruntieri nazzjonali u l-awtoritajiet ta' kontroll doganali li se jkunu appoġġati mill-istrument jeħtieġ li jkunu kumplimentati minn Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta b'saħħitha u operazzjonali bis-sħiħ fil-qalba ta' sistema kompletament integrata ta' ġestjoni tal-fruntieri tal-UE. Għalhekk il-Kummissjoni bi ħsiebha tipproponi tkabbir kbir tal-Aġenzija biex tilħaq *status* operattiv sħiħ, b'korp permanenti ta' madwar 10 000 gwardja tal-fruntiera[4]. Jeħtieġ ukoll Aġenzija Ewropea tiffunzjona sew għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (eu-LISA).

Fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, il-finanzjament tal-Unjoni bl-istrumenti tal-azzjoni esterna se jipprovdi iktar appoġġ imsaħħaħ għal kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi bil-għan li

[2] ĠU C […], […], p. […].

[3] Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1).

[4] *Baġit modern għal Unjoni li tipproteġi, li tagħti s-setgħa u li tiddefendi: Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-2021-2027,* COM(2018) 321, 2.5.2018.

jtejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri tagħhom, jieħu azzjoni kontra l-migrazzjoni irregolari u jtejjeb il-ġestjoni tal-flussi ta' migrazzjoni.

L-isfida ewlenija li l-proposta għandha l-għan li tindirizza hija l-ħtieġa għal aktar flessibbiltà fil-ġestjoni tal-istrument futur, meta mqabbel mal-perjodu ta' programmar attwali, iżda wkoll l-għodod biex jiġi żgurat li l-finanzjament jiġi ggwidat lejn il-prijoritajiet u l-azzjonijiet tal-UE li jkollhom valur miżjud sinifikanti għall-Unjoni. Mekkaniżmi ġodda għall-allokazzjoni ta' finanzjament bejn ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta huma neċessarji biex jiġu indirizzati sfidi u prijoritajiet ġodda.

Il-fattur ewlieni fid-distribuzzjoni tal-fondi huwa l-flessibbiltà fid-determinazzjoni tal-mod ta' twettiq korrett u t-temi li għalihom jenħtieġ li jiġi allokat finanzjament, filwaqt li tinżamm massa kritika ta' finanzjament bil-quddiem għal investimenti strutturali u kbar pluriennali skont il-ħtiġijiet tal-Istati Membri biex ikompli l-iżvilupp tas-sistemi ta' ġestjoni tal-fruntieri tagħhom. L-allokazzjoni tal-fondi se tqis bis-sħiħ ukoll il-ħtieġa li l-Istati Membri jiffukaw l-investimenti fuq prijoritajiet ewlenin tal-UE skont l-*acquis* tal-Unjoni.

Barra mill-ammont bażiku ta' EUR 5 000 000 li huwa previst li jiġi allokat lill-Istati Membri fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni, il-pakkett finanzjarju maħsub għall-programmi tal-Istati Membri se jiġi allokati fuq il-bażi ta' gwida għat-tqassim li se tirrifletti l-ħtiġijiet u l-pressjoni esperjenzati mill-Istati Membri fiż-żewġ oqsma koperti minn dan l-istrument (il-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi). Il-finanzjament se jitqassam skont il-ponderazzjoni li ġejja: 30 % għall-fruntieri esterni fuq l-art, 35 % għal fruntieri esterni tal-baħar, 20 % għall-ajruporti u 15 % għall-uffiċċji konsulari. Għall-ġestjoni tal-fruntieri, it-tqassim ta' riżorsi għal fruntieri esterni tal-baħar u fuq l-art ta' kull Stat Membru se jkun ibbażat fuq it-tul u l-pressjoni fuq dawn il-fruntieri esterni (70 %). Barra minn hekk, il-volum ta' xogħol fuq il-fruntieri tal-art u tal-baħar esterni se jkun fattur għat-tqassim tar-riżorsi għal dawn il-fruntieri (30 %). Ir-riżorsi għall-ajruporti se jitqassmu fuq il-bażi tal-volum tax-xogħol tal-Istati Membri f'dawn l-ajruporti. Fir-rigward tar-riżorsi għall-uffiċċji konsulari, 50 % tar-riżorsi se jitqassmu filwaqt li jitqies l-għadd ta' uffiċċji konsulari u l-50 % l-oħra tal-volum tax-xogħol f'dawn l-uffiċċji konsulari fir-rigward tal-ġestjoni tal-politika dwar il-viżi.

Is-sehem għall-programmi tal-Istati Membri huwa madwar 60 % tal-pakkett finanzjarju sħiħ. Hu propost li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'madwar 50 % tal-pakkett fil-bidu tal-perjodu ta' programmar, filwaqt li tinżamm il-possibbiltà li perjodikament il-pakkett ikollu żieda supplimentari. Hu mbassar li suppliment fiss wieħed ta' 10 % tal-pakkett se jingħata f'nofs it-terminu (aġġustament tekniku tal-gwida għat-tqassim soġġetta għall-prestazzjoni finanzjarja li skontha jenħtieġ li Stat Membru jkun ippreżenta talbiet għall-ħlas li jkopru tal-anqas 10 % tal-ammont inizjali ta' approprjazzjonijiet ta' pagament).

L-40 % li jifdal tal-pakkett finanzjarju kumplessiv jenħtieġ li jiġu amministrati permezz ta' faċilità tematika, li perjodikament tipprovdi finanzjament għal għadd ta' prijoritajiet definiti f'deċiżjonijiet ta' finanzjament tal-Kummissjoni. Din il-faċilità toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-istrument billi tippermetti l-iżborż ta' fondi għall-assistenza teknika b'inizjattiva tal-Kummissjoni u l-komponenti li ġejjin tal-faċilità tematika:

– appoġġ għal azzjonijiet speċifiċi, provvista ta' finanzjament addizzjonali għal azzjoni dedikati ta' valur miżjud għoli għall-UE, permezz tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri;
– appoġġ għall-azzjonijiet tal-Unjoni, ġestiti permezz ta' ġestjoni diretta u indiretta; u
– assistenza ta' emerġenza.

L-azzjonijiet permezz tal-faċilità tematika jkunu pprogrammati permezz ta' programmi ta' ħidma, annwali jew pluriennali adottati permezz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Permezz tal-faċilità se jkun possibbli li jiġu indirizzati prijoritajiet ġodda jew li tittieħed azzjoni urġenti permezz tal-modalità ta' twettiq li tkun l-aktar idonea għall-objettiv ta' politika.

L-istrument se jkompli jappoġġa l-funzjonament tal-Iskema ta' Tranżitu Speċjali implimentat mil-Litwanja, f'konformità mal-obbligi tal-UE, jikkumpensa lil-Litwanja għat-tariffi tal-viża għat-tranżitu li titlef u kostijiet addizzjonali li ġġarrab bħala riżultat ta' dokument b'riżultat tad-dokument dwar it-tranżitu faċilitat (facilitated transit document, FTD) u l-iskema tad-dokument dwar it-tranżitu ferrovjarju faċilitat (facilitated rail transit document, FRTD), bħalma huma l-kostijiet tas-sostituzzjoni u l-aġġornament tat-tagħmir u s-sistemi tal-IT, u l-kostijiet operazzjonali u ta' taħriġ.

Se tkun żgurata aktar simplifikazzjoni fl-implimentazzjoni tal-istrument, b'mod partikolari billi jiġi żgurat approċċ koerenti ma' regoli applikabbli għall-ġestjoni ta' Fondi oħra tal-Unjoni ("ġabra unika ta' regoli"), tiġi pprovduta gwida aħjar dwar is-sistemi ta' ġestjoni u kontroll u r-rekwiżiti tal-awditjar, u jiġi żgurat li r-regoli ta' eliġibbiltà taħt ġestjoni kondiviża jagħmlu użu sħiħ mill-għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (simplified cost options, SCOs). Huwa importanti wkoll li jiġi massimizzat il-valur miżjud tal-UE tal-azzjonijiet appoġġati mill-istrument u li jiġi implimentat qafas imtejjeb ta' monitoraġġ u ta' evalwazzjoni biex b'hekk tissaħħaħ il-ġestjoni tal-fondi fuq il-bażi tal-prestazzjoni.

Din il-proposta tipprevedi data ta' applikazzjoni mill-1 ta' Jannar 2021 u hija ppreżentata għal Unjoni ta' 27 Stat Membru, b'konformità man-notifika mir-Renju Unit bl-intenzjoni tiegħu li jirtira mill-Unjoni Ewropea u l-Euratom fuq il-bażi tal-Artikolu 50 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea li waslet għand il-Kunsill Ewropew fid-29 ta' Marzu 2017.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża jibni fuq l-investimenti u l-kisbiet li saru bl-appoġġ tal-predeċessuri tiegħu: il-Fond għall-Fruntieri Esterni fl-2007-2013 stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5], u l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF) fl-2014-2020, kif stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

L-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża se jkomplu jappoġġa l-politiki ġenerali tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-viżi, bħalma huma t-tisħiħ ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, ix-xiri ta' tagħmir għall-ġestjoni tal-fruntieri biex jiġu użati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-politika komuni dwar il-viżi u s-sistemi rilevanti tal-IT.

Aġenziji tal-Unjoni attivi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-eu-LISA, iżda wkoll l-Aġenzija tal-Unjoni

[5] Id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta ' Mejju 2007 li tistabbilixxi l-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu mill-2007 sa l-2013 bħala parti mill-programm ġenerali Solidarjetà u Ġestjoni tal-Flussi ta' Migrazzjoni (ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22).

[6] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

Ewropea għall-Ażil (European Union Agency for Asylum, EUAA) huma vitali sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-fruntieri u l-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni, b'ħidma mill-qrib mal-awtoritajiet tal-Istati Membri. Pereżempju, l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tal-IT fuq livell nazzjonali jkunu interoperabbli u għaldaqstant jippermettu l-iskambju ta' informazzjoni bejn awtoritajiet differenti, filwaqt li l-aġenzija għal sistemi fuq skala kbira (eu-LISA) tiżgura li l-iskambju ta' informazzjoni bejn is-sistemi informatiċi kollha fl-Unjoni jkunu jistgħu jiffunzjonaw. Għaldaqstant konsistenza u komplementarjetà sħiħa se tkun żgurata wkoll fil-mod kif il-baġit tal-Unjoni jappoġġa dawn l-aġenziji u l-Istati Membri permezz tal-istrument tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża. Huwa importanti li jiġi żgurat ukoll il-komplementarjetà ma' azzjonijiet implimentati mill-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (European Maritime Safety Agency, EMSA) u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (European Fisheries Control Agency, EFCA), pereżempju permezz tal-kondiviżjoni ta' tagħmir użat għas-sorveljanza marittima u tal-fruntieri biex isir l-aħjar użu possibbli mir-riżorsi biex tissaħħaħ is-sigurtà marittima.

Ir-reazzjoni għall-isfidi ewlenin fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri teħtieġ azzjonijiet qawwija kemm mill-Istati Membri kif ukoll mill-Aġenziji kkonċernati. Din hija r-raġuni għala l-Kummissjoni qed tipproponi li żżid b'mod sinifikanti l-baġit allokat b'mod partikolari lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Flimkien mal-baġit previst għal eu-LISA, il-kontribuzzjonijiet baġitarji se jammonta għal EUR 12 013 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss. Dan se jippermetti r-rinfurzar ewlieni tar-rwol u l-ħakma tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera, b'mod partikolari permezz ta' korp permanenti ta' 10 000 gwardja tal-fruntieri[7]. Iż-żewġ strumenti joħolqu Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri madankollu ma jkoprux il-fondi allokati lill-aġenziji. Għaldaqstant din il-proposta tirregola biss l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża li se jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-fruntieri esterni mill-Istati Membri, b'sinerġija sħiħa mal-ħidma tal-aġenziji tal-Unjoni f'dan il-qasam.

- **Il-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

L-għan tal-politika tal-Unjoni li timxi lejn ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej huwa qasam li fih diversi oqsma ta' politika tal-UE oħrajn jikkumplimentaw u jirrinforzaw lil xulxin. Billi l-ġestjoni tal-fruntieri ssir fil-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn awtoritajiet tal-ġestjoni tal-fruntieri u awtoritajiet rilevanti oħra, b'mod partikolari awtoritajiet doganali, huma indispensabbli. Fil-qafas finanzjarju pluriennali l-ġdid, sinerġiji b'saħħithom bejn strumenti ta' finanzjament li jappoġġaw dawn l-awtoritajiet se jkunu żgurat sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-baġit tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u tal-fruntieri.

Billi niżguraw li l-awtoritajiet responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-kontroll doganali jkollhom it-tagħmir u l-għarfien espert neċessarju għad-dispożizzjoni tagħhom u li jaħdmu flimkien f'manjiera bla xkiel, nistgħu niżguraw li l-migrazzjoni irregolari titnaqqas u li l-flussi ta' oġġetti perikoluża jew mhux mixtieqa lejn l-Unjoni jonqos. Iż-żewġ komponenti tal-IBMF, l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi, u l-istrument stabbilit ġdid għat-tagħmir ta' kontroll doganali se jikkontribwixxi għal dan. L-istrument preċedenti se jiżgura ġestjoni tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva, filwaqt li jissalvagwardja l-moviment liberu tal-persuni, filwaqt li dan tal-aħħar se jappoġġa unjoni doganali li taħdem tajjeb. L-istrument preċedenti se jimmira esklussivament fuq azzjonijiet li jirrelataw ma' kontrolli fuq persuni fil-kuntest tal-kontroll tal-fruntieri, filwaqt li tal-aħħar se jimmira fuq azzjonijiet li jirrelataw max-xiri, il-

[7] COM(2018) 321 finali tat-2 ta' Mejju 2018.

manutenzjoni u l-aġġornament ta' tagħmir għall-kontroll doganali. Se jkopri t-tagħmir li jista' jintuża għal kontrolli kemm ta' oġġetti kif ukoll ta' persuni. B'dan il-mod, sinerġiji bejn iż-żewġ strumenti li jifformaw parti IBMF se jkunu kompletament żgurati.

Kooperazzjoni u koordinazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn fil-qasam tal-migrazzjoni u s-sigurtà huma importanti biex il-ġestjoni integrata tal-fruntieri tkun ta' suċċess. Dawn huma l-awtoritajiet li jindirizzaw l-ażil, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, ir-ritorn u l-kriminalità transfruntiera, kif ukoll atturi fil-qasam tas-sigurtà u s-sorveljanza marittima.

Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (Asylum and Migration Fund, AMF) huwa strument ta' finanzjament futur propost li jenħtieġ li jappoġġa l-ħidma tal-awtoritajiet nazzjonali meta jipprovdu akkoljenza għal applikanti għal ażil u migranti meta jaslu fit-territorju tal-UE kif biex jintbagħtu lura dawk li ma għandhom ebda dritt li jibqgħu fl-UE. L-AMF u l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża se jaħdem b'sinerġija sħiħa biex jikseb impatt iktar sinifikanti taż-żewġ Fondi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri. Dawn huwa importanti biex, pereżempju, jitnaqqas l-għadd ta' migranti irregolari ġejjin lejn l-Unjoni, kif ukoll biex ikun żgurat li dawk li ma għandhomx dritt jibqgħu jiġu ritornati fil-pajjiżi ta' oriġini.

Il-Fond għas-Sigurtà Interna (Internal Security Fund, ISF) huwa l-istrument futur ta' finanzjament li huwa mbassar li se jikkontribwixxi għall-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni b'mod partikolari billi jindirizza t-terroriżmu u r-radikalizzazzjoni, il-kriminalità organizzata u ċ-ċiberkriminalità u billi jassisti u jipproteġi lil vittmi ta' kriminalità, b'koerenza sħiħa mal-azzjonijiet appoġġati mill-istrument futur għall-Ġestjoni tal-Fruntieri.

L-istrument tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża se jippermetti wkoll ix-xiri ta' tagħmir multifunzjonali għas-sorveljanza marittima, sabiex jiġu massimizzati s-sinerġiji fil-qasam tas-sorveljanza marittima ukoll.

Miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġati permezz tal-istrument se jiġu implimentati f'sinerġija u f'koerenza sħiħa ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni u se jikkumplimentawhom, appoġġati permezz ta' strumenti ta' finanzjament esterni tal-Unjoni. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, għandha titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, l-Istrument se jimmira l-appoġġ biex isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jirrinforza aspetti ewlenin tal-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza fil-fruntieri u ġestjoni f'oqsma ta' interess għall-politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni u l-objettivi tas-sigurtà tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni toffri liċ-ċittadini tagħha żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni, li fiha l-moviment liberu tal-persuni jkun assigurat flimkien ma' miżuri xierqa f'dak li jirrigwarda l-kontrolli tal-fruntieri esterni, l-ażil, l-immigrazzjoni kif ukoll il-prevenzjoni tal-kriminalità u l-ġlieda kontriha.

Il-bażi ġuridika għall-azzjoni tal-Unjoni proposta tinstab fil-lista ta' miżuri li hemm fl-Artikolu 77(2) kif ukoll fl-Artikolu 79(2)(d) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni (TFUE), bħal ma hi l-politika komuni dwar il-viżi, il-verifiki fuq persuni fil-fruntieri esterni,

kull miżura għall-istabbiliment gradwali ta' sistema integrata ta' ġestjoni għall-fruntieri esterni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

Qed tinġibed l-attenzjoni wkoll għall-Artikolu 80 TFUE, li jenfasizza li dawn il-politiki tal-Unjoni stabbiliti fil-Kapitolu 2 tat-Titolu 5 tat-Tielet Parti TFUE u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom ikunu rregolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, inklużi l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.

Barra minn dan, fid-29 ta' Mejju 2018 il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni[8] sabiex titjieb il-koordinazzjoni u tiġi armonizzata l-implimentazzjoni tal-appoġġ bil-ġestjoni kondiviża, bil-għan ewlieni li jiġi ssimplifikat it-twettiq tal-politika[9]. L-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża se jkun kopert ukoll minn dan ir-Regolament fir-rigward tal-parti ta' ġestjoni kondiviża.

Id-diversi Fondi tal-Unjoni implimentati taħt ġestjoni kondiviża għandhom għanijiet kumplimentari u jħaddnu l-istess mod ta' ġestjoni, għaldaqstant ir-Regolament (UE) Nru …/… [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] jistabbilixxi sensiela ta' prinċipji komuni bħalma hija s-sħubija. Dak ir-Regolament fih ukoll l-elementi komuni tal-ippjanar u l-programmazzjoni strateġiċi, inklużi dispożizzjonijiet dwar il-Ftehim ta' Sħubija li jrid jiġi konkluż ma' kull Stat Membru, u jistabbilixxi approċċ komuni għall-orjentazzjoni tal-prestazzjoni tal-Fondi. Għalhekk, dan jinkludi kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni u l-arranġamenti għall-monitoraġġ, ir-rappurtar u l-evalwazzjoni. Hemm stabbiliti wkoll dispożizzjonijiet komuni rigward ir-regoli ta' eliġibbiltà, il-ġestjoni finanzjarja u l-arranġamenti ta' ġestjoni u kontroll.

- **Ġeometrija varjabbli**

Il-miżuri proposti fuq il-bażi tal-Artikolu 77(2) TFUE, jikkostitwixxu żviluppi tal-*acquis* ta' Schengen. B'konsegwenza, l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka japplika ta' dak l-Istat Membru, kif ukoll l-Artikolu 4 tal-Protokoll (Nru 19) dwar l-*acquis* ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Irlanda.

Il-miżuri proposti jikkostitwixxu żviluppi tal-*acquis* ta' Schengen dwar il-fruntieri u l-viżi li magħhom erba' pajjiżi li mhumiex Stati Membri huma assoċjati fuq il-bażi ta' ftehimiet mal-Unjoni. Ġaladarba adottati, notifikati u aċċettati, il-miżuri proposti se japplikaw ukoll, bħala konsegwenza, għal dawk l-erba' pajjiżi.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

B'mod ġenerali, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni hija qasam fejn hemm valur miżjud ċar fl-interventi tal-Unjoni kkumparati ma' azzjonijiet li l-Istati Membri jieħdu waħedhom. L-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas li jesprimi solidarjetà tal-Unjoni fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika tal-viża u l-ġestjoni ta' flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' sistemi komuni tal-IT li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki.

L-appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament għalhekk jikkontribwixxi b'mod partikolari għat-tisħiħ ta' kapaċitajiet nazzjonali u Ewropej f'dawk l-oqsma. Għal dan il-għan, ir-Regolament għandu l-għan *fost oħrajn*:

[8] Ir-Regolament (UE) ../..
[9] COM(2018) 375 tad-29 ta' Mejju 2018.

– li jappoġġa b'mod aktar sistematiku s-servizzi pprovduti mill-Istati Membri individwali fl-assigurazzjoni taż-żona mingħajr fruntieri interni;

– li jsaħħaħ il-kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-fruntieri u awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi oħra; u

– li jiżgura li l-Istati Membri jkollhom aktar tagħmir speċjalizzat disponibbli għad-dispożizzjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja għal operazzjonijiet konġunti fl-interess tas-salvagwardja taż-żona mingħajr fruntieri interni.

Madankollu, huwa kompletament rikonoxxut li jenħtieġ li l-interventi jsiru f'livell xieraq u li r-rwol tal-Unjoni jenħtieġ li ma jkunx akbar milli huwa neċessarju.

• **Proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità, u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, kif iddefinit fit-Titolu V TFUE. L-għanijiet u l-livelli korrispondenti ta' finanzjament huma proporzjonali għal dak li l-istrument għandu l-għan li jikseb. L-azzjonijiet maħsuba minn din il-proposta jindirizzaw id-dimensjoni Ewropea tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika tal-viża komuni.

• **Għażla tal-istrument**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill biex jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, IL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-proposta tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-istrument ta' finanzjament preċedenti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża. Din tibni fuq l-evalwazzjoni *ex post* tal-Fond għall-Fruntieri Esterni, li kien il-Fond fil-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, u l-evalwazzjoni *interim* tal-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-fruntiera esterna u l-viża (ISF Fruntiera u Viża), li kien il-Fond fil-perjodu attwali (2014-2020).

Fir-rigward tal-**effettività**, il-Fond huwa kkunsidrat effettiv fl-oqsma li fihom jintervjeni, il-politika komuni dwar il-viżi u l-ġestjoni integrata tal-fruntieri. Il-Fond ikkontribwixxa għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar leġittimu u għar-rinforz tal-kapaċitajiet nazzjonali tal-Istati Membri fil-ħruġ ta' viżi. Il-kontribuzzjoni għall-kooperazzjoni konsulari u għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi sa issa kienet limitata f'ħafna Stati Membri. L-iżvilupp ta' politika komuni dwar il-viżi kien appoġġat ukoll permezz tal-istabbiliment u l-operazzjoni ta' sistemi tal-IT, b'attenzjoni partikolari lil sistemi ta' informazzjoni dwar il-viża nazzjonali. Bit-tisħiħ tal-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, il-Fond ikkontribwixxa għas-salvagwardjar tal-moviment liberu tal-persuni fiż-Żona Schengen. Il-Fond ikkontribwixxa lejn l-effettività tal-kontrolli fil-fruntieri esterni permezz ta' miżuri ta' sostenn li jiffokaw fuq ix-xiri, modernizzazzjoni, upgrading u sostituzzjoni ta' tagħmir ta' kontroll tal-fruntieri u sorveljanza. Prinċipalment minħabba fatturi esterni, ġie rreġistrat progress limitat fil-promozzjoni tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' politiki li jiżguraw in-nuqqas ta' kwalunkwe kontroll fuq il-persuni. Il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kienet iffaċilitata permezz tal-Fond u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż ix-xiri ta' tagħmir li se jintuża f'operazzjonijiet konġunti bl-għajnuna tal-Fond, ikkontribwixxiet għas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà.

Kollox ma' kollox, l-evalwazzjoni, fil-limiti tad-*data* disponibbli, indikat li r-riżultati tal-interventi inkisbu b'kosti raġonevoli f'termini kemm ta' riżorsi umani kif ukoll finanzjarji. Madankollu, ħafna Stati Membri jindikaw il-ħtieġa għal gwida addizzjonali mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Fond. Il-piż amministrattiv meqjus jista' jingħad li huwa fattur li jaffettwa l-effiċjenza. Minkejja għadd ta' miżuri mmirati lejn is-simplifikazzjoni u t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, l-Istati Membri għadhom jaraw il-piż amministrattiv bħala għoli u l-implimentazzjoni tas-SCOs bħala problematiċi. Żieda fis-simplifikazzjoni ġiet innotata taħt ġestjoni diretta.

Ir-raġunament u l-għanijiet oriġinali tal-Fond għadhom rilevanti fil-perjodu wara l-kriżi tal-migrazzjoni. Mekkaniżmi xierqa biex jindirizzaw il-bżonnijiet li qed jinbidlu tpoġġew fis-seħħ kemm fl-istadju tal-programmazzjoni u kemm fl-istadju tal-implimentazzjoni. Il-flessibilità offruta mill-ISF Fruntiera u Viża, li tikkonsisti fi trasferimenti ta' flus bejn għanijiet differenti, għenet tindirizza l-bżonnijiet li qed jinbidlu. Madankollu, l-Istati Membri japprezzaw il-flessibbiltà akbar li tirriżulta mit-tneħħija tal-livelli minimi ta' allokazzjoni għal kull għan u mit-tnaqqis fl-għadd ta' għanijiet nazzjonali.

Il-Fond huwa kkunsidrat **koerenti** ma' interventi oħra tal-UE u nazzjonali. Il-koerenza ma' strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE ġiet żgurata fl-istadju tal-programmazzjoni. Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tpoġġew fis-seħħ biex jiżguraw koerenza kontinwa fl-istadju tal-implimentazzjoni wkoll. Il-Kumitat ta' Monitoraġġ u l-Awtorità Responsabbli għandhom rwoli ewlenin fl-iżgurar tal-koerenza. L-għanijiet tal-Fond huma komplementarji għal politiki nazzjonali oħrajn. Il-kumplimentarjetà ma' strumenti ta' finanzjament oħra tal-UE ġiet ippjanata fl-istadju tal-programmazzjoni. Mekkaniżmi ta' koordinazzjoni tpoġġew fis-seħħ biex jiżguraw komplementarjetà fl-istadju tal-implimentazzjoni. Il-modi differenti ta' implimentazzjoni li jikkumplimentaw lil xulxin.

Il-Fond żgura **valur miżjud għall-UE** permezz ta' investimenti innovattivi fl-infrastruttura u t-tagħmir. Dan appoġġa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Attivitajiet ta' taħriġ permessi mill-Fond ikkontribwixxew għall-armonizzazzjoni tal-prattiki bejn l-Istati Membri. Valur miżjud ogħla għall-UE seta' kien mistenni f'oqsma ta' kooperazzjoni konsulari, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u sistemi tal-IT.

Is-sostenibbiltà ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-ISF Fruntieri u Viża tiddependi fuq finanzjament kontinwu mill-UE, billi finanzjament nazzjonali jidher li mhuwiex biżżejjed biex jiġi żgurat livell simili ta' investimenti. Attivitajiet ta' taħriġ għandhom rwol importanti biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ta' azzjonijiet fuq perjodu twil.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa bejn l-10 ta' Jannar 2018 u d-9 ta' Marzu 2018 dwar il-fondi tal-UE fil-qasam tal-migrazzjoni u tas-sigurtà. B'mod globali, ir-rispondenti enfasizzaw ħafna l-bżonn għas-simplifikazzjoni fit-twettiq ta' strumenti ta' finanzjament tal-affarijiet interni, aktar flessibbiltà (speċifikament f'relazzjoni mal-kapaċità tar-rispons għal kriżijiet relatati mal-migrazzjoni u s-sigurtà), u żieda fil-finanzjament u fl-appoġġ f'oqsma b'kondiviżjoni qawwija ta' responsabbiltà (bħall-ġestjoni tal-fruntieri) u / jew livell għoli ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll kooperazzjoni mal-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti.

It-tweġibiet juru li dawn il-miżuri jkunu jistgħu jtejbu l-effikaċja u l-effiċjenza tal-istrumenti u l-valur miżjud tal-UE. Partijiet interessati gibdu l-attenzjoni dwar il-bżonn ta' aktar pressjoni fil-politika tal-affarijiet interni f'pajjiżi mhux tal-UE.

Saru konsultazzjonijiet mal-Istati Membri u l-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen fil-qafas tal-Kumitat AMIF-ISF (rappreżentanti tal-Awtoritajiet Responsabbli tal-Istati Membri għall-AMIF u l-ISF). L-Istati Membri taw input dwar il-prijoritajiet ta' finanzjament prinċipali, il-problemi, l-arkitettura tal-Fondi u l-modi tat-twettiq. Partijiet ikkonċernati ewlenin oħrajn, benefiċjarji tal-finanzjament tal-AMIF u l-ISF permezz ta' ġestjoni diretta jew indiretta, bħal organizzazzjonijiet internazzjonali u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kif ukoll l-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti, kienu kkonsultati wkoll.

Il-partijiet ikkonċernati qablu li sabiex jiġi mmassimizzat il-valur miżjud għall-UE, jenħtieġ li n-nefqa tal-UE tirrifletti prijoritajiet u impenji politiċi fil-livell tal-UE u jenħtieġ li tappoġġa l-implimentazzjoni tal-*acquis* tal-affarijiet interni tal-UE. Il-partijiet ikkonċernati talbu li jkun disponibbli biżżejjed finanzjament biex jiġi ffaċċjati sfidi attwali u emerġenti. Jenħtieġ li jkun disponibbli biżżejjed finanzjament ukoll għall-Aġenziji tal-Unjoni rilevanti, skont iż-żieda fl-attivitajiet tagħhom. Il-partijiet ikkonċernati qablu dwar il-bżonn għal aktar flessibbiltà inkorporata fl-istruttura tal-Fondi. Huma sabu li, sabiex tinżamm biżżejjed flessibbiltà biex tkun tista' tirreaġixxi għal ċirkostanzi li jinbidlu, jenħtieġ li l-programmi pluriennali tal-Istati Membri jinżammu. Organizzazzjonijiet mhux governattivi kienu tal-fehma li jenħtieġ li l-ġestjoni diretta tkompli.

Dawn il-konsultazzjonijiet ikkonferma kunsens ġenerali fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin dwar il-bżonn li jinżamm kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-azzjoni għall-finanzjament mill-UE f'dan il-qasam ta' politika, inkluż fir-rigward tad-dimensjoni esterna tiegħu, it-tisħiħ tal-impatt ta' politiki dwar l-affarijiet interni, aktar simplifikazzjoni fil-mekkaniżmi eżekuttivi kif ukoll fil-flessibbiltà, b'mod partikolari għar-rispons għall-emerġenzi.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-ħidma fuq it-tħejjija tal-istrumenti finanzjarji futuri għall-affarijiet interni bdiet fl-2016 u kompliet fl-2017 u l-2018. Bħala parti minn din il-ħidma preparatorja, fl-2017 twettaq studju tal-QFP, *"Ġestjoni tal-Fruntieri u Viżi wara l-2020"* minn kuntrattur estern, u l-valutazzjoni tal-impatt kienet appoġġata wkoll minn studju ppreparat minn kuntrattur estern li tnieda f'Settembru 2017. Dawn l-istudji ġabru flimkien riżultati ta' evalwazzjonijiet disponibbli tal-istrumenti finanzjarji eżistenti, kif ukoll tal-konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, u infurmaw dwar il-problemi, l-għanijiet u l-għażliet ta' politiki, inkluż l-impatt probabbli tagħhom, eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Valutazzjoni tal-impatt għal din il-proposta kopriet il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, l-ISF il-ġdid u l-IBMF (magħmul minn strument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi u l-istrument għal tagħmir ta' kontroll doganali). L-iskeda tas-sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju jistgħu jinstabu fuq dan is-sit web: http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/?fuseaction=ia.

Il-valutazzjoni tal-impatt analizzat għażliet ta' politiki differenti f'termini ta' kif il-finanzjament se jitwassal u jindirizza kwistjonijiet bħal koerenza u kumplimentaritajiet ma' strumenti oħrajn ta' finanzjament mill-UE, id-dimensjoni esterna tal-finanzjament għall-migrazzjoni u s-sigurtà, il-flessibbiltà f'ambjent finanzjarju stabbli (inkluża l-faċilità

tematika), il-modalitajiet ta' implimentazzjoni, il-possibbiltà li tiġi pprovduta assistenza ta' emerġenza u mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu possibbli. L-għażla ppreferuta hija taħlita ta' għażliet li tibni fuq ir-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni *ex post* tal-Fondi preċedenti u l-evalwazzjoni *interim* tal-Fondi attwali.

Ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju. It-tabella ta' hawn taħt tiddeskrivi l-kunsiderazzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali għal titjib li ġew riċevuti għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi (bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri) u l-Fond għas-Sigurtà Interna, u kif ir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt ġie emendat biex jirrifletti dan.

Il-kunsiderazzjonijiet ewlenin tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju	**Modifiki fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt**
Ir-rapport ma jispjegax kif żieda fil-kompetenza tal-UE f'dawn l-oqsma [tal-affarijiet interni] u rwol ikbar tal-aġenziji se jaffettwaw is-sistema kollha kemm hi.	Għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi (bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri) u l-Fond għas-Sigurtà Interna, ir-rapport ġie rivedut sabiex jiġi spjegat kif l-estensjoni tal-kompetenza tal-UE u r-rwol akbar tal-Aġenziji jaffettwa r-rwoli tal-Fondi rispettivi (it-Taqsima 3.2). Billi għandhom rwol ewlieni fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' sigurtà u tal-migrazzjoni tal-Unjoni, l-Aġenziji tal-Affarijiet interni se jkollhom rwol importanti matul il-fażi tal-ipprogrammar tal-programmi nazzjonali filwaqt li l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħhom se jikkontribwixxu għar-rieżami ta' nofs it-terminu. Mandat estiż tal-Aġenziji mhux se jkollu l-għan li jissostitwixxi l-kompiti attwali mwettqa mill-Istati Membri, iżda pjuttost li jsaħħaħ u jaġġorna l-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-migrazzjoni, tal-ġestjoni tal-fruntieri u tas-sigurtà.
Aktar kunsiderazzjonijiet u rakkomandazzjonijiet għal titjib	**Modifiki fir-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt**
(1) Ir-rapport jenħtieġ li jippreżenta t-tibdil ewlieni fl-istruttura tal-programm u fil-prijoritajiet meta mqabbel mal-perjodu ta' programmar attwali. Barra minn hekk, ir-rapport jenħtieġ li jiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-komponent estern tal-programm, jiġifieri l-komplimentarjetà tiegħu ma' strumenti esterni.	Ir-rapport ġie rivedut biex jiġu ppreżentati l-bidliet ewlenin fl-istruttura tal-programm apparagun tal-perjodu ta' programmar attwali (it-Taqsima 3.2) u biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni tal-komponent estern u l-komplementarjetà tiegħu mal-istrumenti esterni (it-Taqsima 3.3). L-għanijiet tal-Fondi huma bbażati fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-predeċessuri tagħhom li, b'mod ġenerali, kienu kkunsidrati bħala wiesa' biżżejjed sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-prijoritajiet tal-politika tal-UE, filwaqt li jiġi pprovdut il-valur miżjud tal-UE. L-adattamenti tal-prijoritajiet u tal-azzjonijiet jirriflettu l-iżviluppi tal-politika u l-ħtieġa ta' sinerġiji ma' Fondi oħra tal-UE. Interventi fid-dimensjoni esterna se jitfasslu u se jiġu implimentati f'koerenza mal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-UE, b'mod partikolari mal-

MT MT

	Istrument estern tal-UE.
(2) Ir-rapport jenħtieġ li jispjega wkoll kif l-estensjoni tal-kompetenza tal-UE u rwol akbar għall-aġenziji jaffettwa r-rwoli tal-programmi rispettivi. Din iżżid il-ħtieġa għal azzjonijiet fil-livell nazzjonali, biex jiġu ddelegati l-aġenziji, jew biex titnaqqas il-prijorità ta' xi interventi?	Ara l-modifiki li saru fir-rapport li fih il-kunsiderazzjoni ewlenija tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju ppreżentata hawn fuq.
(3) Il-Bord jifhem li l-mekkaniżmu l-ġdid tar-riżervi ta' prestazzjoni kien għadu qed jiġi żviluppat meta ġie abozzat ir-rapport. Il-verżjoni finali tiegħu għandha madankollu taġġorna u tiċċara l-mekkaniżmu magħżul kif ukoll tiġġustifikah fid-dawl tal-esperjenza minn fondi oħra tal-UE (kif spjegat bil-fomm lill-Bord).	Ir-rapport ġie rivedut biex jiġi aġġornat u ċċarat il-mekkaniżmu ppreferut, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-esperjenza minn Fondi oħra tal-UE u l-iżviluppi fil-qafas tat-tħejjija tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni futuri għall-ġestjoni kondiviża (it-Taqsima 4.1.4). L-ebda riżerva ta' prestazzjoni speċifika ma hija ppreżentata fl-opzjoni ppreferuta. Livell minimu ta' implimentazzjoni finanzjarja huwa inkluż għall-allokazzjoni tal-iffinanzjar supplementari fl-aġġustament tekniku ta' nofs it-terminu filwaqt li l-elementi tal-prestazzjoni se jiġu kkunsidrati meta jiġu pprovduti fondi addizzjonali permezz tal-faċilità tematika.
(4) Ir-rapport jenħtieġ li jikkjarifika kif l-mekkaniżmu l-ġdid ta' emerġenza se jiffunzjona fil-pakkett ta' kull wieħed mit-tliet fondi għall-migrazzjoni u s-sigurtà, u li l-użu tal-assistenza ta' emerġenza jenħtieġ li jkun limitat minħabba l-flessibbiltà l-ġdida pprovduta mill-faċilità tematika. Jenħtieġ li jispjega l-vantaġġ ta' dan il-mekkaniżmu fuq il-finanzjament ta' emerġenza fil-perjodu ta' programmar preċedenti.	Ir-rapport ġie rivedut sabiex jipprovdu kjarifiki dwar kif se jiffunzjona l-mekkaniżmu l-ġdid ta' emerġenza (it-Taqsima 4.1.3). L-assistenza ta' emerġenza pprovduta permezz tal-Fondi jenħtieġ li tkun kumplimentari għar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza (fil-livell ta' baġit ta' UE) u tintuża f'sitwazzjonijiet definiti b'mod ċar. Minħabba l-flessibbiltà inkorporata fil-faċilità tematika, l-użu tal-assistenza ta' emerġenza hija mistennija li tkun aktar limitat milli fil-perjodu ta' programmar attwali. L-assistenza ta' emerġenza tista' tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta.
(5) L-arranġamenti ta' monitoraġġ mhumiex żviluppati sew. Ir-rapport jenħtieġ li jiċċara kif is-suċċess tal-programmi se jiġi definit u mkejjel.	Ir-rapport ġie rivedut (it-Taqsima 5) sabiex jippreżenta d-daqs tas-suċċess tal-programmi. Dan se jkun ibbażat fuq l-għanijiet stabbiliti bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, li għandu jintlaħaq qbil dwarhom fil-programmi nazzjonali, u fuq minn kemm sussegwentement dawn l-għanijiet ikunu ntlaħqu, permezz ta' indikaturi tal-eżiti u tar-riżultati inklużi fil-proposti legali. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-ġestjoni kondiviża huma stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni[10] se jiżgura s-simplifikazzjoni tal-istrument bl-użu, kemm jista' jkun, ta' regoli komuni għall-implimentazzjoni tal-programmi. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jiġu mħeġġa jużaw għażliet tal-ispejjeż saħansitra aktar issimplifikati. L-approċċ tal-awditjar se jiġi ssimplifikat biex jiffoka aktar fuq kampjunar tal-awditjar ibbażat fuq ir-riskju u biex jirrispetta l-prinċipju ta' "awditu wieħed" sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.

10 ĠU L […], […], p.

Aktar simplifikazzjoni bil-ġestjoni diretta se tinkiseb permezz tal-użu ta' għodod tal-IT komuni fil-Kummissjoni kollha (sistema ta' ġestjoni tal-eGrants).

- **Drittijiet fundamentali**

Appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni huwa indispensabbli għall-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri esterni b'mod effiċjenti u fl-indirizzar ta' sfidi migratorji u theddid futur potenzjali f'dawk il-fruntieri, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' kriminalità serja b'dimensjoni transfruntiera. Dawn l-għanijiet se jiġu segwiti f'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali. Dan se jiġi mmonitorjat mill-qrib matul l-implimentazzjoni tal-Fond.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss tinkludi EUR 8 018 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-istrument għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża għall-perjodu 2021-2027.

L-implimentazzjoni se tkun permezz ta' ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej: madwar 60 % għall-programmi tal-Istati Membri implimentati b'ġestjoni kondiviża; u 40 % lill-faċilità tematika, għal azzjonijiet speċifiċi fuq livell nazzjonali jew transnazzjonali, azzjonijiet tal-Unjoni u assistenza ta' emerġenza. Il-pakkett tal-faċilità tematika se jintuża wkoll għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluża metodoloġija mtejba ta' insegwiment ta' investimenti matul il-Fondi rilevanti tal-Unjoni, se jiġi mtejjeb biex jistimula prestazzjoni f'waqtha u jiżgura li l-evalwazzjonijiet ikunu jistgħu jipprovdu input effettiv għal kwalunkwe reviżjoni futura ta' interventi ta' politiki. Dan se jsir permezz ta' indikaturi aħjar, kooperazzjoni msaħħa mal-imsieħba rilevanti u mekkaniżmi li jinċentivaw il-prestazzjoni. Evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u evalwazzjoni retrospettiva se jitwettqu mill-Kummissjoni. Dawn l-evalwazzjonijiet se jitwettqu f'konformità mal-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016, li fih it-tliet istituzzjonijiet ikkonfermaw li l-evalwazzjonijiet ta' leġiżlazzjoni u politika eżistenti jenħtieġ li jipprovdu l-bażi għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-opzjonijiet għal azzjoni ulterjuri. L-evalwazzjonijiet se jivvalutaw l-effetti tal-programm fir-realtà bbażati fuq l-indikaturi / il-miri tal-programm u analiżi dettaljata tal-grad sa fejn il-programm jista' jiġi meqjus rilevanti, effettiv u, effiċjenti, jipprovdi biżżejjed valur miżjud tal-UE u huwa koerenti ma' politiki oħrajn tal-UE. Dawn se jinkludu t-tagħlimiet meħuda biex jiġu identifikati kwalunkwe kwistjoni jew kwalunkwe potenzjal għal titjib ulterjuri tal-azzjonijiet jew tar-riżultati tagħhom, u biex ikun massimizzat l-impatt tal-istrument.

L-Istati Membri huma mistennija jirrappurtaw dwar l-implimentazzjoni tal-programmi tagħhom skont il-modalitajiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u r-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Kapitolu I - Dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament propost jistabbilixxi l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet ewlenin tiegħu. Jistabbilixxi wkoll l-għanijiet tar-Regolament. Il-kamp ta' applikazzjoni propost ta' dawn l-Artikoli fil-biċċa l-kbira tiegħu jibni fuq ir-Regolament attwali għall-Fond għas-Sigurtà Interna - Fruntiera u Viża, filwaqt li jqis żviluppi ġodda ta' politiki, bħall-istabbiliment tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluża l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, il-mixja lejn il-modernizzazzjoni tal-politika komuni dwar il-viżi u l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira ġodda u l-interoperabbiltà tagħhom. Issir enfasi qawwija fuq azzjonijiet ta' appoġġ b'dimensjoni Ewropea.

Kapitolu II - Qafas finanzjarju u ta' implimentazzjoni jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali għall-appoġġ ipprovdut permezz ta' dan ir-Regolament u jindika l-importanza tal-iżgurar tal-konsistenza u l-komplementarjijiet mal-istrumenti ta' finanzjament mill-UE rilevanti. Jistipula l-metodi ta' implimentazzjoni għall-azzjonijiet appoġġati f'dan ir-Regolament: ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta. It-taħlita ta' modi ta' twettiq proposti għal dan ir-Regolament hija bbażata fuq l-esperjenza pożittiva b'din il-kombinazzjoni fl-implimentazzjoni tal-istrument ta' finanzjament attwali.

L-ewwel taqsima ta' dan il-kapitolu tistipula l-qafas finanzjarju. Il-proposta tindika ammont għall-pakkett finanzjarju għall-istrument u l-użu tiegħu permezz ta' diversi arranġamenti ta' implimentazzjoni.

It-tieni taqsima tiddeskrivi l-qafas ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni konġunta ta' parti minn dan l-istrument, b'mod notevoli fir-rigward tal-programmi tal-Istati Membri. Il-kundizzjonijiet li japplikaw għall-azzjonijiet appoġġati skont ir-Regolament huma wkoll stabbiliti, bħal dawk relatati max-xiri ta' tagħmir u mal-attivitajiet ta' taħriġ. It-taqsima tistabbilixxi l-arranġamenti ddettaljati għarrieżami ta' nofs it-terminu permezz tal-programmi tal-Istati Membri u għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi u appoġġ operattiv, inkluża l-Iskema ta' Tranżitu Speċjali.

It-tielet taqsima tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għal azzjonijiet implimentati b'ġestjoni diretta u indiretta, filwaqt li r-raba' taqsima tistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għal assistenza ta' emerġenza, li tista' tiġi implimentata permezz ta' ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta.

Il-ħames u l-aħħar taqsima jistabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-ħtiġijiet ta' monitoraġġ, ta' rappurtar, ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni u l-evalwazzjoni.

Il-Kapitolu III — Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali, fih dispożizzjonijiet dwar id-delega ta' setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati, u dwar il-proċedura tal-Kumitat. Jistipula wkoll li dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha mill-1 ta' Jannar 2021.

2018/0249 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 77(2) u 79(2)(d) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trasmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[11],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[12],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Fil-kuntest ta’ sfidi migratorji li qed jevolvu maħluqa minn żidiet fil-flussi lejn l-Unjoni Ewropea, kif ukoll tħassib komuni dwar is-sigurtà, il-preservazzjoni tal-bilanċ għaqli bejn il-moviment liberu tal-persuni fuq naħa, u s-sigurtà fuq in-naħa l-oħra hija tal-akbar importanza. L-għan tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta’ sigurtà fi spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja skont l-Artikolu 67(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jenħtieġ li jinkiseb, fost l-oħrajn, permezz ta’ miżuri komuni dwar il-qsim tal-fruntieri interni minn persuni u dwar kontrolli fil-fruntieri fi fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viżi.

(2) Skont l-Artikolu 80 TFUE, dawn il-politiki u l-implimentazzjoni tagħhom għandhom jiġu regolati mill-prinċipju tas-solidarjetà u t-tqassim ġust tar-responsabbiltà, inkluż l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħha, bejn l-Istati Membri.

(3) Fid-Dikjarazzjoni ta’ Ruma ffirmata fil-25 ta’ Settembru 2017, il-mexxejja ta’ 27 Stat Membru affermaw id-determinazzjoni tagħhom għal Ewropa sigura u mingħajr periklu u għall-bini ta’ Unjoni fejn iċ-ċittadini kollha jħossuhom siguri u jistgħu jiċċaqilqu b’mod liberu, fejn il-fruntieri esterni huma siguri, b’politika tal-migrazzjoni effiċjenti, responsabbli u sostenibbli, li tirrispetta normi internazzjonali, kif ukoll Ewropa ddeterminata li tiġġieled it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata.

(4) L-għan tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni huwa li tiġi żviluppata u implimentata ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, li hija prerekwiżit għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u hija komponent fundamentali ta’ spazju ta’ libertà, sigurtà u ġustizzja.

(5) Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej, kif implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, stabbilita mir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[13],

11 ĠU C , , p. .
12 ĠU C , , p. .

li hija komposta mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u mill-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, inkluża gwardja tal-kosta sal-punt li jwettqu kompiti ta' kontroll tal-fruntieri, hija neċessarja għat-titjib tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u s-sigurtà.

(6) Il-faċilitar tal-ivvjaġġar leġittimu, filwaqt li jiġu evitati l-migrazzjoni illegali u r-riskji ta' sigurtà, ġie identifikat bħala wieħed mill-għanijiet prinċipali tar-rispons tal-Unjoni għall-isfidi f'dawn l-oqsma fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta l-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni[14].

(7) Il-Kunsill Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2016[15] talab għal tiftix kontinwu tal-interoperabbiltà tas-sistemi ta' informazzjoni u tal-bażijiet ta' *data* tal-UE. Il-Kunsill Ewropew tat-23 ta' Ġunju 2017[16] enfasizza l-bżonn li titjib l-interoperabbiltà bejn il-bażijiet tad-*data* u fit-12 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn sistemi ta' informazzjoni tal-UE[17].

(8) Biex tiġi ppreservata l-integrità taż-żona Schengen u biex jissaħħaħ il-funzjonament tagħha, l-Istati Membri huma obbligati, mis-6 ta' April 2017, li jwettqu verifiki sistematiċi kontra bażijiet ta' data rilevanti dwar iċ-ċittadin tal-UE li qed jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar minn verifiki tal-pulizija u kooperazzjoni transfruntiera.

(9) Appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni huwa indispensabbli għall-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej biex tappoġġa lill-Istati Membri fil-ġestjoni tal-qsim tal-fruntieri esterni b'mod effiċjenti u fl-indirizzar ta' sfidi migratorji u theddid futur potenzjali f'dawk il-fruntieri, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-indirizzar ta' kriminalità serja b'dimensjoni transfruntiera filwaqt li jaġixxi b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali.

(10) Sabiex jippromwovu l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej kif iddefinita mill-komponenti tagħha skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624: kontroll fil-fruntieri, tiftix u salvataġġ waqt sorveljanza fil-fruntieri, analiżi tar-riskju, kooperazzjoni bejn Stati Membri (appoġġata u kkoordinata mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta), kooperazzjoni bejn l-aġenziji inkluż l-iskambju regolari tal-informazzjoni, kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, miżuri tekniċi u operazzjonali fiż-żona Schengen relatati mal-kontroll fil-fruntieri u mfassla biex jindirizzaw l-immigrazzjoni illegali u jiġġieldu aħjar il-kriminalità transfruntiera, użu ta' teknoloġija tal-ogħla livell, mekkaniżmi ta' kontroll tal-kwalità u solidarjetà, u biex jiżguraw li ssir realtà operazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni.

(11) Minħabba li l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri qed jassumu numru dejjem ikbar ta' responsabbiltajiet li ħafna drabi jestendu għall-qasam tas-sigurtà u jseħħu fil-fruntiera esterna, hemm bżonn li jiġi indirizzat l-iżgurar tal-uniformità fit-twettiq tal-kontroll fil-fruntieri u l-kontroll doganali fil-fruntieri esterni billi jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju adegwat mill-Unjoni lill-Istati Membri. Dan mhux biss isaħħaħ il-kontrolli doganali iżda wkoll jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, jikkontribwixxi għal unjoni doganali sikura u effiċjenti.

---

13 Ir-Regolament (UE) 2016/1624 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jemenda r-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 863/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2007/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/267/KE (ĠU L 251, 16.9.2016, p. 1.).

14 COM(2015) 240 final tat-13 ta' Mejju 2015.

15 http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2016/12/15/euco-conclusions-final/

16 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, it-22-23 ta' Ġunju 2017.

17 COM(2017) 794 final.

(12) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-fond ta' suċċessur tal-Fond għas-Sigurtà Interna 2014–2020 stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[18] bl-istabbiliment ta' Fond ta' Ġestjoni Integrata ("il-Fond").

(13) Minħabba l-partikularitajiet legali applikabbli għal Titolu V tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea kif ukoll il-bażijiet ġuridiċi differenti applikabbli rigward il-politiki dwar il-fruntieri esterni u dwar il-kontroll doganali, mhuwiex legalment possibbli li l-Fond jiġi stabbilit bħala strument wieħed.

(14) Għalhekk jenħtieġ li l-Fond jiġi stabbilit bħala qafas komprensiv għall-appoġġ finanzjarju mill-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri li jikkonsisti fi strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri ("l-Istrument") stabbilit minn dan ir-Regolament kif ukoll l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali stabbilit mir-Regolament (UE) Nru .../...[19] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Jenħtieġ li dan il-qafas jiġi kkomplementat mir-Regolament (UE) Nru .../... [ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [20] li jenħtieġ li jirreferi għalih dan ir-Regolament fir-rigward ta' regoli dwar il-ġestjoni kondiviża.

(15) Jenħtieġ li l-Istrument jiġi implimentat f'konformità sħiħa mad-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u mal-obbligi internazzjonali tal-Unjoni rigward id-drittijiet fundamentali.

(16) L-istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri jibni fuq ir-riżultati u l-investimenti li saru bl-appoġġ tal-predeċessuri tiegħu: il-Fond għall-Fruntieri Esterni għall-perjodu 2007-2013 stabbilit mid-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[21] u l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viża bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020 stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 515/2014[22], u jenħtieġ li jestendih biex iqis żviluppi ġodda.

(17) Biex jiżgura kontroll fil-fruntieri esterni uniformi u ta' kwalità għolja u biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar leġittimu lil hinn mill-fruntieri esterni, jenħtieġ li l-istrument jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej li tinkludi l-miżuri kollha li jinvolvu l-politika, il-liġi, il-kooperazzjoni sistematika, il-kondiviżjoni tal-piżijiet, il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni u ċ-ċirkostanzi jinbidlu fir-rigward tal-punti ta' qsim għal migranti irregolari, il-persunal, it-tagħmir u t-teknoloġija meħuda f'livelli differenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntieri, jaġixxi f'kooperazzjoni ma' atturi oħra bħal pajjiżi terzi u korpi oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-ġestjoni operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira fil-qasam tal-libertà, tas-sigurtà u tal-ġustizzja (eu-LISA), Europol u organizzazzjonijiet internazzjonali.

(18) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għat-titjib tal-effiċjenza tal-ipproċessar tal-viżi f'termini tal-identifikazzjoni u l-ivvalutar tas-sigurtà u r-riskji tal-migrazzjoni irregolari, kif ukoll li jiġu ffaċilitati l-proċeduri tal-viżi għall-vjaġġaturi *bona fide*. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istrument iwassal assistenza finanzjarja biex għall-appoġġ tad-diġitalizzazzjoni tal-ipproċessar tal-viżi bl-għan li jiġu pprovduti proċeduri tal-viża li huma rapidi, siguri u faċli għall-klijent għall-benefiċċju kemm tal-applikanti għal viża u kemm tal-konsulati. Jenħtieġ li l-Istrument

[18] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għal fruntieri esterni u l-viża u jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

[19] ĠU L […], […], p.

[20] ĠU L […], […], p.

[21] ĠU L 144, 6.6.2007, p. 22.

[22] Ir-Regolament (UE) Nru 515/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-fruntieri esterni u l-viża u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 574/2007/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 143).

iservi wkoll biex jiżgura kopertura konsulari wiesgħa madwar id-dinja. Jenħtieġ li l-implimentazzjoni uniformi tal-politika komuni tal-viża u l-modernizzazzjoni tagħha tiġi koperta wkoll mill-Istrument.

(19) L-Istrument għandu jappoġġa miżuri ta' appoġġ fit-territorju tal-pajjiżi tas-Schengen li huma marbutin mal-kontroll fil-fruntieri bħala parti mill-iżvilupp ta' sistema komuni ta' ġestjoni integrata tal-fruntieri, li ssaħħaħ il-funzjonament ġenerali taż-żona Schengen.

(20) Bil-għan li jtejjeb il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, jikkontribwixxi għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u jiġġieled kontriha, u jikkontribwixxi għal livell għoli ta' sigurtà fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja tal-Unjoni, l-Istrument jenħtieġ li jappoġġa l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, ibbażati fuq sistemi tal-IT eżistenti jew ġodda. Jenħtieġ li jappoġġa wkoll l-istabbiliment tal-interoperabbiltà bejn dawk is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE (Sistema ta' Dħul / Ħruġ (entry-exit system, EES)[23], Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (Visa Information System, VIS)[24], Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (European Travel Information and Authorisation System, ETIAS)[25], Eurodac[26], Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS)[27], u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi (European Criminal Records Information System for third-country nationals, ECRIS-TCN))[28], sabiex dawn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE u d-*data* tagħhhom jissupplimentaw lil xulxin. Jenħtieġ li l-istrument jikkontribwixxi wkoll għall-iżviluppi meħtieġa fil-livell nazzjonali wara l-implimentazzjoni tal-komponenti tal-interoperabbiltà fil-livell ċentrali (portal ta' tfittix Ewropew (European search portal, ESP), servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku (biometric matching service, BMS kondiviż), repożitorju komuni tal-identità (common identity repository, CIR) u detettur ta' identitajiet multipli (multiple-identity detector, MID))[29].

(21) Jenħtieġ li l-Istrument jikkumplimenta u jirrinforza l-attivitajiet sabiex jimplimenta l-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej skont ir-responsabbiltà kondiviża u s-solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta li tirrappreżenta ż-żewġ pilastri tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Dan ifisser, fost l-oħrajn, li, meta jkunu qed ifasslu l-programmi tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jqisu l-għodod analitiċi u l-linji gwida operazzjonali u tekniċi żviluppati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta kif ukoll il-kurrikuli ta' taħriġ żviluppati minnha, bħall-kurrikuli komuni ewlenin għat-taħriġ tal-gwardji tal-fruntieri, inkluż il-komponenti tagħhom rigward id-drittijiet fundamentali u l-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali. Sabiex tiġi żviluppata l-kumplimentarjetà bejn il-missjoni tagħha u r-responsabbiltà tal-Istati Membri għall-kontroll tal-fruntieri esterni kif ukoll biex tiġi żgurata l-konsistenza u tiġi evitata l-ineffiċjenza tal-kostijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonsulta lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta dwar l-abbozzi tal-programmi nazzjonali ppreżentati mill-Istati Membri sakemm jaqgħu

---

[23] Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul / Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

[24] Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (ir-Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

[25] COM(2016) 731 final tas-16 ta' Novembru 2016.

[26] COM(2016) 272 final/2 tal-4 ta' Mejju 2016.

[27] COM(2016) 881 final, 882 final u 883 final tal-21 ta' Diċembru 2016.

[28] COM(2017) 344 final tad-29 ta' Ġunju 2017.

[29] COM(2017) 794 final tat-12 ta' Diċembru 2017.

fil-kompetenzi tal-Aġenzija, b'mod partikolari dwar l-attivitajiet iffinanzjati taħt appoġġ operazzjonali.

(22) Jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa l-implimentazzjoni tal-approċċ hotspot kif spjegat fl-Aġenda Ewropea dwar il-Migrazzjoni u approvat mill-Kunsill Ewropew tal-25 u s-26 ta' Ġunju 2015[30]. L-approċċ hotspot jipprovdi appoġġ operazzjonali lil Stati Membri affettwati minn pressjoni migratorja sproporzjonata fil-fruntieri esterni tal-UE. Dan joffri assistenza integrata, komprensiva u mmirata fi spirtu ta' solidarjetà u responsabbiltà kondiviża kif ukoll bil-għan li tiġi ssalvagwardjata l-integrità taż-żona Schengen.

(23) Fl-interess tas-solidarjetà taż-żona Schengen sħiħa u fl-ispirtu tar-responsabbiltà kondiviża għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, fejn jiġu identifikati d-dgħufijiet jew ir-riskji, b'mod partikolari wara evalwazzjoni ta' Schengen skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[31], jenħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jindirizza l-kwistjoni b'mod adegwat billi juża riżorsi permezz tal-programm tiegħu biex jimplimenta rakkomandazzjonijiet adottati skont dan ir-Regolament u f'konformità mal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.

(24) Jenħtieġ li l-Istrument jesprimi solidarjetà u responsabbiltà kondiviża permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati Membri li japplikaw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni u l-viżi kif ukoll lil dawk li qed jippreparaw għal parteċipazzjoni sħiħa fis-Schengen, u jenħtieġ li jintuża mill-Istati Membri fl-interessi tal-politika komuni tal-Unjoni għall-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

(25) Skont il-Protokoll Nru 5 tal-Att tal-Adeżjoni tal-2003[32] dwar it-transitu ta' persuni bl-art bejn ir-reġjun ta' Kaliningrad u partijiet oħra tal-Federazzjoni Russa, jenħtieġ li l-Istrument ikun responsabbli għal kwalunkwe spiża addizzjonali mġarrba fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-*acquis* tal-Unjoni li jkopru dan it-transitu, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003[33] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003[34]. Jenħtieġ li l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju kontinwu għal miżati mitlufa, madankollu, tkun dipendenti fuq ir-reġim tal-viża tal-Unjoni fis-seħħ mal-Federazzjoni Russa.

(26) Sabiex jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-għan tal-politika tal-Istrument, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-programmi tagħhom jindirizzaw l-għanijiet speċifiċi tal-istrument, li l-prioritajiet magħżula jkunu konformi mal-prioritajiet miftiehma tal-UE u l-miżuri ta' implimentazzjoni kif stipulati fl-Anness II u li l-allokazzjoni tar-riżorsi bejn l-għanijiet u l-azzjonijiet tkun proporzjonata għall-isfidi u l-ħtiġijiet li huma jiffaċċjaw.

(27) Jenħtieġ li s-sinerġiji, il-konsistenza u l-effiċjenza jiġu mfittxija ma' Fondi oħra tal-UE u jiġi evitat it-trikkib bejn l-azzjonijiet.

---

30 EUCO 22/15 CO EUR 8 CONCL 3.

31 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

32 ĠU L 236, 23.9.2003, p. 946.

33 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 693/2003 tal-14 ta April 2003 li jistabbilixxi Dokument speċifiku ta' Tranżitu Faċilitat (Facilitated Transit Document, FTD), Dokument ta' Tranżitu Faċilitat bil-Ferroviji (Facilitated Rail Transit Document, FRTD) u jemenda l-Istruzzjonijiet Konsulari Komuni u l-Ktieb tal-Istruzzjonijiet Komuni (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 8).

34 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 694/2003 tal-14 ta' April 2003 dwar il-format uniformi tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat (FTD) u tad-Dokumenti dwar it-Tranżitu Faċilitat bil-Ferrovija (FRTD) previsti fir-Regolament (KE) Nru 693/2003 (ĠU L 99, 17.4.2003, p. 15).

(28) Ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma soġġetti għal deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa minn Stat Membru huwa wieħed mill-komponenti ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri kif deskritt fir-Regolament (UE) 2016/1624. Madankollu, minħabba n-natura u l-għan tiegħu, miżuri fil-qasam tar-ritorn jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-appoġġ tal-istrument u li huma koperti bir-Regolament (UE) Nru …/… [AMFġdid][35].

(29) Biex jirrikonoxxi r-rwol importanti tal-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fil-fruntieri esterni u jiżgura li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom biżżejjed mezzi biex jimplimentaw il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-kompiti f'dawn il-fruntieri, jenħtieġ li l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali mir-Regolament (UE) Nru .../... [Fond ġdid għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jipprovdi lil dawn l-awtoritajiet nazzjonali bil-finanzjament neċessarju sabiex jinvestu f'tagħmir biex iwettqu kontroll doganali kif ukoll tagħmir li minbarra kontroll doganali jista' jservi wkoll skopijiet oħra bħall-kontroll fil-fruntieri.

(30) Il-maġġoranza tat-tagħmir ta' kontroll doganali jista' jkun ugwalment jew inċidentalment idoneu għal kontrolli ta' konformità ma' leġiżlazzjoni oħra, bħad-dispożizzjonijiet dwar il-ġestjoni tal-fruntieri, il-viża jew il-kooperazzjoni tal-pulizija. Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għaldaqstant huwa konċepit bħala żewġ strumenti komplementari b'kampijiet ta' applikazzjoni distinti iżda koerenti għax-xiri ta' tagħmir. Minn banda, l-istrument tal-ġesjtoni tal-fruntieri u l-viża stabbilit minn dan ir-Regolament se jeskludi tagħmir li jista' jintuża kemm għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-kontroll doganali. Mill-banda l-oħra, l-istrument għat-tagħmir għal kontrolli doganali se jappoġġa finanzjarjament mhux biss tagħmir b'kontrolli doganali bħala l-għan ewlieni iżda se jippermetti wkoll li jkun użat għal finijiet addizzjonali wkoll bħal kontrolli fuq il-fruntieri u s-sigurtà. Dan it-tqassim tar-rwoli se trawwem il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji bħala komponent ta' approċ ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri, kif imsemmi fl-Artikolu 4(e) tar-Regolament (UE) 2016/1624, u b'hekk jippermetti lil awtoritajiet doganali u tal-fruntiera biex jaħdmu flimkien u jimmassimmizzaw l-impatt tal-baġit tal-Unjoni permezz ta' kondiviżjoni u interoperabbiltà tat-tagħmir ta' kontroll.

(31) Is-sorveljanza fil-fruntieri fil-baħar hija meqjusa waħda mill-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta mwettqa fid-dominju marittimu tal-UE. Awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta huma responsabbli għal firxa wiesgħa ta' kompiti, li jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati għal, sigurtà marittima, sigurtà, tiftix u salvataġġ, kontroll fil-fruntieri, kontroll tas-sajd, kontroll doganali, infurzar tal-liġi ġenerali u ħarsien tal-ambjent. Il-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta jpoġġiha taħt il-mandat ta' politiki differenti tal-UE li jenħtieġ li ifittxu s-sinerġiji biex jiksbu riżultati aktar effettivi u effiċjenti.

(32) Barra mill-kooperazzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-funzjonijiet tal-gwardja tal-kosta bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/1624, l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005[37], jenħtieġ li tinkiseb ukoll koerenza mtejba tal-attivitajiet fil-qasam marittimu fil-livell nazzjonali. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn id-diversi atturi fl-ambjent marittimu jkunu konformi mal-istrateġiji tal-ġestjoni integrata tal-fruntieri Ewropej u tas-sigurtà marittima.

[35] ĠU L […], […], p.

[36] Ir-Regolament (KE) Nru 1406/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li jistabbilixxi l-Aġenziji Marittima Ewropea tas-Sigurtà (ĠU L 208, 5.8.2002, p. 1).

[37] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005 tas-26 ta' April 2005 li jistabbilixxi Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni tas-Sajd (ĠU L 128, 21.5.2005, p. 1).

(33) Biex isaħħaħ il-kumplimentarjetà u jirrinforza l-konsistenza ta' attivitajiet marittimi kif ukoll biex jevita d-duplikazzjoni ta' sforzi u jtaffi r-restrizzjonijiet baġitarji f'qasam ta' attivitajiet li jiswew il-flus bħad-dominju marittimu, jenħtieġ li l-Istrument jappoġġa operazzjonijiet marittimi ta' karattru bi skopijiet multipli fejn l-għan ewlieni huwa s-sorveljanza fil-fruntieri iżda jistgħu jiġu segwiti wkoll għanijiet oħra fl-istess ħin.

(34) Jenħtieġ li miżuri f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom appoġġati permezz tal-istrument jiġu implimentati f'sinerġija u f'koerenza sħiħa ma' azzjonijiet oħra barra l-Unjoni u jenħtieġ li jikkumplimentawhom, appoġġati permezz ta' strumenti ta' finanzjament esterni tal-Unjoni. B'mod partikolari, fl-implimentazzjoni ta' dawn l-azzjonijiet, jenħtieġ li titfittex koerenza sħiħa mal-prinċipji u l-objettivi ġenerali tal-azzjoni esterna u l-politika barranija tal-Unjoni relatata mal-pajjiż jew ir-reġjun ikkonċernati. Fir-rigward tad-dimensjoni esterna, l-Istrument se jimmira l-appoġġ biex isaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi u jirrinforza aspetti ewlenin tal-kapaċitajiet tagħhom ta' sorveljanza fil-fruntieri u ġestjoni f'oqsma ta' interess għall-politika tal-migrazzjoni tal-Unjoni u l-objettivi tas-sigurtà tal-Unjoni.

(35) Jenħtieġ li l-finanzjament mill-baġit tal-Unjoni jikkonċentra fuq attivitajiet fejn intervent mill-Unjoni jista' jġib valur miżjud ikkumparat ma' azzjonijiet mill-Istati Membri waħedhom. Billi l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi qafas li jesprimi solidarjetà tal-Unjoni fil-kontroll tal-fruntieri, il-politika komuni dwar il-viżi u l-ġestjoni ta' flussi migratorji, u biex tipprovdi pjattaforma għall-iżvilupp ta' sistemi komuni tal-IT li jirfdu dawk il-politiki, appoġġ finanzjarju pprovdut taħt dan ir-Regolament se jikkontribwixxi b'mod partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet nazzjonali u tal-Unjoni f'dawk l-oqsma.

(36) Stat Membru jista' jitqies li ma jikkonformax mal-*acquis* rilevanti tal-Unjoni, inkluż fir-rigward tal-użu ta' appoġġ operazzjonali taħt dan l-Istrument, jekk ikun naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont it-Trattati fil-qasam rilevanti, jekk hemm riskju ċar ta' ksur serju tal-valuri tal-Unjoni mill-Istat Membru jew jekk rapport ta' evalwazzjoni skont il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen identifika defiċjenzi fil-qasam rilevanti.

(37) Jenħtieġ li l-Istrument jirrifletti l-bżonn għal iżjed flessibbiltà u simplifikazzjoni filwaqt li jirrispetta r-rekwiżiti f'termini ta' prevedibbiltà, u jiżgura distribuzzjoni ġusta u trasparenti ta' riżorsi biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

(38) Jenħtieġ li r-Regolament jistabbilixxi l-ammonti inizjali għall-programmi tal-Istati Membri kkalkolati fuq il-bażi ta' kriterji stipulati fl-Anness I, li jirriflettu t-tul u l-livelli ta' theddid f'sezzjonijiet ta' fruntieri tal-art u tal-baħar, l-ammont ta' xogħol fl-ajruporti u l-konsulati kif ukoll in-numru ta' konsulati.

(39) Dawn l-ammonti inizjali se jifformaw bażi għall-investimenti ta' terminu twil tal-Istati Membri. Biex jitqiesu bidliet fis-sitwazzjoni bażi, bħall-pressjoni fuq il-fruntiera esterna tal-UE u l-ammont ta' xogħol fil-fruntieri esterni u l-konsulati, se jiġi allokat ammont addizjonali għall-Istati Membri f'nofs it-terminu u se jkun ibbażat fuq l-iżjed *data* statistika riċenti disponibbli kif stabbilit fil-gwida għat-tqassim filwaqt li jitqies l-istat tal-implimentazzjoni tal-programmi.

(40) Billi l-isfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi qegħdin dejjem jevolvu, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-fondi tiġi adattata għall-bidliet fil-fluss migratorji, pressjoni fil-fruntiera u theddid għas-sigurtà, u l-fondi għandhom jiġu diretti lejn il-prijoritajiet bl-ogħla valur miżjud għall-Unjoni. Bħala risposta għal ħtiġijiet urġenti, bidliet fil-politika u prijoritajiet tal-Unjoni u sabiex il-fondi jiġu diretti lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud għall-UE, parti mill-finanzjament se tiġi allokata perjodikament għal azzjonijiet speċifiċi, azzjonijiet tal-Unjoni u assistenza ta' emerġenza, permezz ta' faċilità tematika.

(41) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiġu mħeġġa jużaw parti mill-allokazzjoni tal-programm tagħhom biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet elenkati fl-Anness IV billi jibbenifikaw minn kontribuzzjoni ogħla mill-Unjoni.

(42) Jenħtieġ li l-Istrument jikkontribwixxi għall-appoġġ ta' spejjeż operazzjonali relatati mal-ġestjoni fil-fruntieri, il-politika komuni tal-viża u sistemi tal-IT fuq skala kbira u għaldaqstant jenħtieġ li jippermetti lill-Istati Membri jżommu kapaċitajiet li huma kruċjali għall-Unjoni b'mod sħiħ. Tali appoġġ jikkonsisti f'rimborż sħiħ ta' għażla ta' spejjeż speċifiċi relatati mal-għanijiet taħt l-Istrument u jenħtieġ li jifforma parti integrali mill-programmi tal-Istati Membri.

(43) Parti mir-riżorsi disponibbli permezz tal-Istrument jistgħu jiġu allokati wkoll għall-programmi tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi minbarra l-allokazzjoni inizjali tagħhom. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet speċifiċi jiġu identifikati bħala temi ta' prijorità fil-livell tal-Unjoni u jikkonċernaw azzjonijiet li jirrikjedu sforz jew azzjonijiet kooperattivi li huma neċessarji biex jiġu indirizzati żviluppi fl-Unjoni li jirrikjedu li jsir disponibbli finanzjament addizzjonali għal Stat Membru wieħed jew aktar, bħax-xiri ta' tagħmir tekniku permezz tal-programmi nazzjonali ta' Stati Membri li huwa meħtieġ mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta biex twettaq l-attivitajiet operazzjonali tagħha, il-modernizzazzjoni tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal viża, l-iżvilupp ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira u l-istabbiliment ta' interoperabbiltà bejn dawk is-sistemi. Dawn l-azzjonijiet speċifiċi se jiġu ddefiniti mill-Kummissjoni fil-programmi ta' ħidma tagħha.

(44) Sabiex jikkumplimenta l-implimentazzjoni tal-għanijiet tal-politika ta' dan l-Istrument fil-livell nazzjonali permezz tal-programmi tal-Istati Membri, jenħtieġ li l-Istrument jipprovdi wkoll appoġġ għal azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li dawn l-azzjonijiet jservu skopijiet strateġiċi globali fil-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent tal-Istrument li jirrelata ma' analiżi tal-politika u innovazzjoni, tagħlim reċiproku transnazzjonali u sħubiji u l-ittestjar ta' inizjattivi u azzjonijiet ġodda madwar l-Unjoni.

(45) Sabiex tiġi msaħħa l-kapaċità tal-Unjoni li tindirizza b'mod immedjat pressjoni migratorja mhux imbassra jew li tkun sproporzjonata, b'mod partikolari f'dawk is-sezzjonijiet tal-fruntiera fejn il-livell tal-impatt ikun ġie identifikat skont ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] b'tali mod li jipperikola l-funzjonament taż-żona Schengen kollha, kif ukoll pressjoni fuq it-taqsimiet tal-viża ta' konsulati tal-Istati Membri jew riskji lis-sigurtà fil-fruntieri, jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi pprovduta assistenza ta' emerġenza f'konformità mal-qafas stabbilit f'dan ir-Regolament.

(46) L-għan tal-politika ta' dan l-istrument se jiġi indirizzat ukoll permezz tal-instrumenti finanzjarji u ta' garanzija baġitarja permezz tal-parti(jiet) ta' politika [...] tal-Fond InvestEU. L-appoġġ finanzjarju jenħtieġ li jintuża sabiex nuqqasijiet tas-suq jew sitwazzjonijiet ta' investiment mhux ottimali jiġu indirizzati b'mod proporzjonat, filwaqt li l-azzjonijiet jenħtieġ li ma jidduplikawx jew ma jeskludux il-finanzjament privat, jew ifixklu l-kompetizzjoni fis-suq intern. L-azzjonijiet jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar.

(47) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-programm Ewropa Kreattiva li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza primarja, fis-sens [tal-punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba][39], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali.

---

[38] Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi s-Sistema Ewropea ta Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur) (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 11).

[39] ĠU C , , p. .

(48) Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru .../... [Regolament Finanzjarju ġdid] (ir-"Regolament Finanzjarju")[40] japplika għal dan l-Istrument. Dan jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inklużi regoli dwar għotjiet, premjijiet, akkwist pubbliku, implimentazzjoni indiretta, assistenza finanzjarja, strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji. Biex tkun żgurata koerenza fl-implimentazzjoni tal-programmi ta' finanzjament tal-Unjoni, ir-Regolament Finanzjarju jenħtieġ jiġi applikat għall-azzjonijiet li jridu jiġu implimentati b'ġestjoni diretta jew indiretta permezz tal-FSE+.

(49) Għall-iskop tal-implimentazzjoni ta' azzjonijiet taħt ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li l-Istrument jifforma parti minn qafas koerenti li jikkonsisti f'dan ir-Regolament, ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE) Nru .../... [CPR ġdid].

(50) Ir-Regolament (UE) Nru …/… [CPR] jistabbilixxi l-qafas għall-azzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), il-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+), il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR), il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS), il-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Asylum and Migration Fund, AMIF), il-Fond għas-Sigurtà Interna (Internal Security Fund, ISF) u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi (border management and visa instrument, BMVI) bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (Integrated Border Management Fund, IBMF), u jistabbilixxi b'mod partikolari l-għanijiet ta' politika u r-regoli dwar il-programmazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll għall-fondi tal-Unjoni implimentati b'ġestjoni kondiviża. Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġu speċifikati l-għanijiet tal-istrument għall-ġestjoni ta' fruntieri u viża f'dan ir-Regolament, u li jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward ta' attivitajiet li jistgħu jiġu ffinanzjati permezz ta' dan l-istrument.

(51) It-tipi ta' finanzjament u l-metodi ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu fuq il-bażi tal-kapaċità tagħhom li jiksbu l-għanijiet speċifiċi tal-azzjonijiet u li jagħtu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv u r-riskju mistenni ta' nuqqas ta' konformità. Dan jenħtieġ li jinkludi konsiderazzjoni tal-użu ta' ammonti f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll finanzjament mhux marbut ma' kostijiet kif imsemmi fl-Artikolu 125(1) tar-Regolament Finanzjarju.

(52) Skont ir-Regolament (UE) Nru .../... [Regolament Finanzjarju ġdid][41], ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[42], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2988/95[43], ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[44] u r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939[45], l-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu protetti permezz ta' miżuri proporzjonati, inklużi il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni ta' irregolaritajiet u frodi, l-irkupru ta' fondi li jkunu ntilfu, imħallsa bi żball jew użati b'mod inkorrett u, fejn xieraq, l-impożizzjoni ta' sanzjonijiet

[40] ĠU C , , p. .

[41] ĠU C […], […], p. […].

[42] Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1).

[43] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, EC) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1).

[44] Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fil-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

[45] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1).

amministrattivi. B'mod partikolari, skont ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 u r-Regolament (Euratom, KE) Nru 2185/96, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) jista' jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inklużi kontrolli u spezzjonijiet fil-post, bil-ħsieb li jistabbilixxi jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. F'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-UPPE) jista' jinvestiga u jippreżenta każijiet ta' frodi u reati kriminali oħrajn li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46]. Skont ir-Regolament Finanzjarju, kwalunkwe persuna jew entità li tirċievi Fondi tal-Unjoni trid tikkoopera bis-sħiħ fil-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-UPPE u lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-QEA) u tiżgura li kwalunkwe terza persuna involuta fl-implimentazzjoni tal-Fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

(53) Ir-regoli finanzjarji orizzontali adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura għall-iffissar u l-implimentazzjoni tal-baġit permezz ta' għotjiet, akkwist, premjijiet u implimentazzjoni indiretta, filwaqt li jipprevedu t-twettiq ta' verifiki rigward ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, billi r-rispett għall-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għal ġestjoni finanzjarja soda u effettiva tal-fondi tal-UE.

(54) Skont l-Artikolu 94 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE[47], persuni u entitajiet stabbiliti f'pajjiżi u territorji *extra*-Ewropej (overseas countries and territories, OCTs) huma eliġibbli għal finanzjament soġġett għar-regoli u l-għanijiet tal-istrument u arranġamenti possibbli applikabbli għall-Istat Membru li miegħu huwa marbut il-pajjiż jew territorju *extra*-Ewropew.

(55) Skont l-Artikolu 349 TFUE u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Sħubija strateġika aktar b'saħħitha u mġedda mar-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE*, li ġie approvata mill-Kunsill fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' April 2018, l-Istati Membri rilevanti jenħtieġ li jiżguraw li l-programmi nazzjonali tagħhom jindirizzaw it-theddidiet emerġenti li jiffaċċjaw ir-reġjuni ultraperiferiċi. L-istrument jappoġġa dawn l-Istati Membri b'riżorsi adegwati biex jgħinu lir-reġjuni ultraperiferiċi kif xieraq.

(56) Skont il-paragrafu 22 u l-paragrafu 23 tal-ftehim Interistituzzjonali għat-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[48], hemm il-ħtieġa li dan il-Programm jiġi evalwat fuq il-bażi ta' informazzjoni miġbura permezz ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ, filwaqt li jiġu evitati r-regolamentazzjoni żejda u l-piżijiet amministrattivi, b'mod partikolari għall-Istati Membri. Dawn ir-rekwiżiti, fejn xieraq, jistgħu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu, bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-prattika. Sabiex jitkejlu l-kisbiet tal-Istrument, jenħtieġ li jiġu stabbiliti indikaturi komuni u miri relatati fir-rigward ta' kull għan speċifiku tal-Istrument.

---

[46] Id-Direttiva (UE) 2017/1939 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29).

[47] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/755/UE tal-25 ta' Novembru 2013 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji barranin mal-Unjoni Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (ĠU L 344, 19.12.2013, p. 1).

[48] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016; ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1-14.

(57) Filwaqt li jirrifletti dwar l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex jimplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm se jikkontribwixxi biex jintegra l-azzjoni klimatika u għall-kisba ta' mira kumplessiva ta' 25 % ta' nfiq tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-objettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul it-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-Programm, u se jiġu vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet u tal-proċessi ta' rieżami rilevanti.

(58) Permezz ta' dawn l-indikaturi komuni u r-rapportar finanzjarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-Istrument, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR] u dan ir-Regolament.

(59) Biex jiġu ssupplimentati jew emendati dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-lista ta' azzjonijiet eliġibbli għal kofinanzjament ogħla kif elenkata fl-Anness IV, l-appoġġ operazzjonali u sabiex jiġi żviluppat aktar il-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni. Hu ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anki fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[49].

(60) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Jenħtieġ li l-proċedura ta' eżami tintuża għal atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu obbligi komuni fuq l-Istati Membri, b'mod partikolari dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni, u tintuża l-proċedura konsultattiva għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni li jirrelataw mal-modalitajiet tal-għoti ta' informazzjoni lill-Kummissjoni fil-qafas tal-programmazzjoni u r-rapportar, minħabba n-natura purament teknika tagħhom.

(61) Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni minn Stat Membru f'dan l-Istrument ma tikkoinċidix mal-parteċipazzjoni tiegħu fi strument finanzjarju temporanju tal-Unjoni li jappoġġa l-Istati Membri benefiċjarji biex jiffinanzjaw, fost oħrajn, azzjonijiet fi fruntieri esterni ġodda tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-*acquis* tas-Schengen fil-fruntieri u l-viżi u l-kontroll fil-fruntieri esterni.

(62) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen skont il-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, applikazzjoni u żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen[51] li jaqa' fl-oqsma msemmija fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE[52].

(63) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen[53]) li jaqgħu fil-qasam

---

[49] ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

[50] ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

[51] ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.

[52] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja rigward l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* tax-Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

[53] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni 1999/437/KE kkunsidrat b'mod konġunt mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE[54].

(64) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, mal-applikazzjoni u mal-iżvilupp tal-*acquis*[55] ta' Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, Punti A u B tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE li jinqraw flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE[56].

(65) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka ma tieħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew suġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Billi dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen, id-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, għandha tiddeċiedi jekk hijiex se timplimenta dan ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament.

(66) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tipparteċipax fih, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[57]. Għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhijiex marbuta bih u lanqas ma hi soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(67) Huwa xieraq li l-perjodu ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jiġi allinjat ma' dak tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) .../... [Ir-Regolament tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali][58],

---

54 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-żvilupp tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

55 ĠU L 160, 18.6.2011, p. 21.

56 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

57 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

58 ĠU L […], […], p.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri ("l-Istrument") bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri ("il-Fond").

2. B'mod konġunt mar-Regolament (UE) …/… [Fond għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali], li jistabbilixxi bħala parti mill-[Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri][59], l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għat-tagħmir ta' kontroll doganali, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Fond.

3. Dan jistabbilixxi l-għanijiet tal-Istrument, il-baġit għall-perjodu 2021-2027, il-forom ta' finanzjament mill-Unjoni u r-regoli għall-għoti ta' tali finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "operazzjoni ta' taħlit" tfisser azzjonijiet appoġġati mill-baġit tal-Unjoni, inklużi dawk fil-faċilitajiet ta' taħlit skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament Finanzjarju, li jikkumbinaw forom ta' appoġġ li mhux rimborżabbli u / jew strumenti finanzjarji mill-baġit tal-Unjoni flimkien ma' forom ta' appoġġ rimborżabbli mingħand istituzzjonijiet tal-iżvilupp jew istituzzjonijiet oħra tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll mingħand istituzzjonijiet tal-finanzjament kummerċjali u investituri;

(2) "punt ta' qsim tal-fruntiera" tfisser kwalunkwe punt ta' qsim awtorizzat mill-awtoritajiet kompetenti għall-qsim ta' fruntieri esterni kif innotifikat skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament (UE) Nru 2016/399[60];

(3) "Ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri" tfisser il-komponenti elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2016/1624;

(4) "fruntieri esterni" tfisser il-fruntieri tal-Istati Membri: fruntieri tal-art, inklużi fruntieri ta' xmajjar u lagi, fruntieri tal-baħar kif ukoll l-ajruporti, portijiet fi xmajjar, portijiet tal-baħar u portijiet f'lagi tagħhom li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni dwar il-qsim ta' fruntieri esterni, inkluż dawk il-fruntieri interni li fihom għadhom ma tneħħewx il-kontrolli;

(5) "sezzjoni ta' fruntiera esterna" tfisser il-fruntiera esterna tal-art jew tal-baħar kollha jew parti minnha ta' Stat Membru kif iddefinita mir-Regolament (UE) Nru 1052/2013;

[59] ĠU L […], […], p.

[60] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (il-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

(6) "żona hotspot" tfisser iż-żona hotspot definita fl-Artikolu 2(10) tar-Regolament (UE) 2016/1624;

(7) "fruntieri interni li fihom għadhom ma tneħħewx il-kontrolli" tfisser:

(a) il-fruntiera komuni bejn Stat Membru li jkun qed jimplimenta b'mod sħiħ l-*acquis* ta' Schengen u Stat Membru marbut li japplika l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Att tal-Adeżjoni tiegħu, iżda li għalih għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzah japplika b'mod sħiħ dak l-*acquis*;

(b) il-fruntiera komuni bejn żewġ Stati Membri li huma marbuta li japplikaw l-*acquis* ta' Schengen b'mod sħiħ, f'konformità mal-Atti tal-Adeżjoni rispettivi tagħhom, iżda li għalihom għadha ma daħlitx fis-seħħ id-Deċiżjoni tal-Kunsill rilevanti li tawtorizzahom japplikaw b'mod sħiħ dak l-*acquis*.

Artikolu 3

Għanijiet tal-istrument

1. Bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, jenħtieġ li l-għan tal-politika tal-istrument ikun li jiżgura ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri fil-fruntieri b'saħħitha u effettiva filwaqt li jissalvagwardja l-moviment ħieles tal-persuni fi ħdanha, b'konformità sħiħa mal-impenji tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali u b'hekk jikkontribwixxi biex jassigura livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni.

2. Fl-għan tal-politika stabbilit f'paragrafu 1, l-Istrument għandu jikkontribwixxi għall-għanijiet speċifiċi li ġejjin:

(a) jappoġġa ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri effettiva fuq il-fruntieri esterni li implimentati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta bħala responsabbiltà kondiviża bejn l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u tal-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-fruntieri, biex jiffaċilita qsim leġittimu tal-fruntieri, jipprevjeni u jidentifika l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera u biex jiġġestixxi effettivament il-flussi migratorji;

(b) jappoġġa l-politika komuni dwar il-viżi biex jiffaċilita l-ivvjaġġar leġittimu u jipprevjeni riskji migratorji u tas-sigurtà.

3. Fl-għanijiet speċifiċi stabbiliti f'paragrafu 2, l-istrument għandu jiġi implimentat permezz tal-miżuri ta' implimentazzjoni elenkati fl-Anness II.

Artikolu 4

Kamp ta' applikazzjoni tas-sostenn

1. Fl-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 3 u f'konformità mal-implimentazzjoni tal-miżuri elenkati fl-Anness II, l-istrument għandu jappoġġa b'mod partikolari l-azzjonijiet elenkati fl-Anness III.

2. Biex jilħaq l-objettivi ta' dan ir-Regolament, l-istrument jista' jappoġġa azzjonijiet f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni kif imsemmija fl-Anness III fir-rigward ta' pajjiżi terzi u fihom, fejn xieraq, skont l-Artikolu 5.

3. L-ispejjeż li ġejjin ma għandhomx ikunu eliġibbli:

(a) l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(a) fl-Anness III f'dawk il-fruntieri interni li fihom għadhom ma tneħħewx il-kontrolli;

(b) l-azzjonijiet relatati mal-introduzzjoni mill-ġdid temporanja jew eċċezzjonali ta' kontroll fil-fruntieri fi fruntieri interni kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 2016/399;

(c) fir-rigward tal-kontroll tal-merkanzija:

(1) azzjonijiet li l-għan esklussiv jew l-effett tagħhom huwa l-kontroll tal-merkanzija;

(2) tagħmir, mezzi tat-trasport esklużi, li wieħed mill-għanijiet tiegħu huwa l-kontroll tal-merkanzija;

(3) azzjonijiet oħra taħt dan ir-Regolament li l-għan primarju jew l-effett tagħhom huwa l-kontroll tal-merkanzija.

Meta tinqala' sitwazzjoni ta' emerġenza, azzjonijiet mhux eliġibbli msemmija f'dan il-paragrafu jistgħu jitqiesu bħala eliġibbli.

Artikolu 5

Entitajiet eliġibbli

1. L-ispejjeż ammissibbli jistgħu jirrigwardaw:

(a) l-entitajiet ġuridiċi stabbiliti fi kwalunkwe wieħed mill-pajjiżi li ġejjin::

(i) Stat Membru jew pajjiż jew territorju extra-Ewropew marbut miegħu;

(ii) pajjiż terz elenkat fil-programm ta' ħidma skont il-kundizzjonijiet speċifikati hemmhekk.

(b) kwalunkwe entità ġuridika maħluqa skont il-liġi tal-Unjoni jew kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali.

2. Il-persuni fiżiċi mhumiex eliġibbli.

3. L-entitajiet ġuridiċi stabbiliti f'pajjiż terz huma eċċezzjonalment eliġibbli biex jipparteċipaw fejn dan ikun meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' azzjoni partikolari.

4. L-entitajiet ġuridiċi li jipparteċipaw f'konsorzji ta' mill-inqas tliet entitajiet indipendenti, stabbiliti fi Stati Membri differenti jew f'pajjiżi jew territorji *extra*-Ewropej marbuta ma' dawk l-istati jew ma' pajjiżi terzi,huma eliġibbli.

KAPITOLU II

QAFAS FINANZJARJU U QAFAS TA’ IMPLIMENTAZZJONI

TAQSIMA 1

PROVVEDIMENTI KOMUNI

Artikolu 6

Prinċipji ġenerali

1. L-appoġġ ipprovdut b’dan ir-Regolament se jikkomplementa interventi nazzjonali, reġjonali u lokali, u se jiffoka fuq li jġib valur miżjud għall-għanijiet ta’ dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ ipprovdut b’dan ir-Regolament u mill-Istati Membri huwa konsistenti mal-attivitajiet, politiki u prijoritajiet rilevanti tal-Unjoni u kumplimentarji għal strumenti oħra tal-Unjoni.

3. L-Istrument għandu jiġi implimentat f’ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta skont l-Artikoli 62 (1)(a), (b) u (c) tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 7

Baġit

1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm għall-perjodu 2021-2027 għandu jkun EUR 8 018 000 000 fi prezzijiet attwali.

2. Ir-riżorsi globali għandhom jintużaw kif ġej:

(a) EUR 4 811 000 000 se jiġu allokati għall-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża, li minnhom EUR 157 200 000 se jiġu allokati għall-Iskema ta’ Tranżitu Speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 16, implimentati b'ġestjoni kondiviża;

(b) EUR 3 207 000 000 għandhom jiġu allokati għall-faċilità tematika.

3. Għandhom jiġu allokati sa 0,52 % tal-pakkett finanzjarju għal għajnuna teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-istrument.

4. Skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta’ assoċjazzjoni tagħhom, jenħtieġ li jsiru ftehimiet sabiex jispeċifikaw in-natura u l-modalitajiet tal-parteċipazzjoni mill-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji minn dawk il-pajjiżi għandhom jiżdiedu mar-riżorsi globali disponibbli mill-baġit tal-Unjoni msemmi fil-paragrafu 1.

Artikolu 8

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-faċilità tematika

1. Il-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 7(2)(b) għandu jiġi allokat b’mod flessibbli permezz tal-faċilità tematika bl-użu ta’ ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta kif stabbiliti fi programmi ta’ ħidma. Finanzjament mill-faċilità tematika għandu jintuża għall-komponenti tiegħu:

(a) azzjonijiet speċifiċi;

(b) azzjonijiet tal-Unjoni u

(c) assistenza ta' emerġenza.

Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għandha tiġi appoġġata wkoll mill-pakkett finanzjarju għall-faċilità tematika.

2. Finanzjament mill-faċilità tematika għandha tindirizza prijoritajiet b'valur miżjud għoli għall-Unjoni jew tintuża b'reazzjoni għal ħtiġijiet urġenti, f'konformità mal-prijoritajiet miftehma tal-Unjoni kif deskritt fl-Anness II.

3. Meta jingħata finanzjament mill-faċilità tematika f'ġestjoni diretta jew indiretta lill-Istati Membri, għandu jiġi żgurat li l-proġetti magħżula mhumiex affettwati minn opinjoni motivata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE li jpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa jew il-prestazzjoni tal-proġetti.

4. Meta jingħata finanzjament mill-faċilità tematika jkun implimentat f'ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni għandha, għall-fini tal-Artikolu 18 u l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru [CPR], tivvaluta jekk l-azzjonijiet previsti humiex affettwati minn opinjoni motivata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ksur skont l-Artikolu 258 TFUE li jpoġġi f'riskju l-legalità u r-regolarità tan-nefqa jew il-prestazzjoni tal-proġetti.

5. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont globali li jkun disponibbli għall-faċilità tematika taħt l-approprjazzjonijiet annwali tal-baġit tal-Unjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet ta' finanzjament kif imsemmija fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju għall-faċilità tematika, li jiddefinixxu t-temi li se jiġu appoġġati u jispeċifikaw l-ammonti għall kull wieħed mill-komponenti tagħhom, kif imsemmi fil-paragrafu 1. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, fejn applikabbli, l-ammont globali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit.

7. B'segwitu għall-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' finanzjament kif imsemmi f'paragrafu 3, il-Kummissjoni tista' temenda l-programmi implimentati b'ġestjoni kondiviża skontu.

8. Dawn id-deċiżjonijiet ta' finanzjament jistgħu jkunu annwali jew multiannwali u jistgħu jkopru wieħed jew aktar mill-komponenti tal-faċilità tematika.

TAQSIMA 2

APPOĠĠ U IMPLIMENTAZZJONI B'ĠESTJONI KONDIVIŻA

Artikolu 9

Kamp ta' applikazzjoni

1. Din it-taqsima tapplika għall-parti tal-pakkett finanzjarju msemmija fl-Artikolu 7(2)(a) u r-riżorsi addizzjonali li għandhom jiġu implimentati b'ġestjoni kondiviża skont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għall-faċilità tematika msemmija fl-Artikolu 8.

2. L-appoġġ f'din it-taqsima għandu jiġi implimentat b'ġestjoni kondiviża skont l-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE) Nru …/… [CPR].

Artikolu 10

Riżorsi baġitarji

1. Ir-riżorsi msemmija fl-Artikolu 7(2)(a) għandhom jiġu allokati għall-programmi nazzjonali implimentati mill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża ("il-programmi") b'mod indikattiv kif ġej:

   (a) EUR 4 009 000 000 lill-Istati Membri skont il-kriterji fl-Anness I;

   (b) EUR 802 000 000 lill-Istati Membri għall-aġġustament tal-allokazzjonijiet għall-programmi kif imsemmi fl-Artikolu 13(1).

2. Fejn l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1(b) mhuwiex allokat, l-ammont li jifdal jista' jiżdied mal-ammont imsemmi fl-Artikolu 7(2)(b).

Artikolu 11

Rati ta' kofinanzjament

1. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni ma tistax taqbeż il-75 % tat-total tan-nefqa eliġibbli ta' proġett.

2. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 90 % tat-total tan-nefqa eliġibbli għal proġetti implimentati taħt azzjonijiet speċifiċi u prijoritajiet strateġiċi tal-Unjoni.

3. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 90 % tan-nefqa totali eliġibbli għal azzjonijiet elenkati fl-Anness IV.

4. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tat-total tan-nefqa eliġibbli għal appoġġ operattiva, inkluż għall-Iskema ta' Tranżitu Speċjali.

5. Il-kontribuzzjoni mill-baġit tal-Unjoni tista' tiżdied għal 100 % tan-nefqa totali eliġibbli għal assistenza ta' emerġenza.

6. Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova programm għandha tagħti rata fissa ta' kofinanzjament u ammont massimu fiss ta' appoġġ minn dan l-Istrument għat-tipi ta' azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi minn 1 sa 5.

7. Għal kull għan speċifiku, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni għandha tistabbilixxi jekk ir-rata ta' kofinanzjament għall-għan speċifiku hix se tiġi applikata għal:

   (a) kontribuzzjoni totali, inklużi kontribuzzjoni pubblika u privata, jew

   (b) il-kontribuzzjoni pubblika biss.

Artikolu 12

Programmi

1. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-prijoritajiet indirizzati fil-programm tiegħu huma konsistenti mal-prijoritajiet tal-Unjoni u jirrispondu għall-isfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viżi, u li huma kompletament konformi mal-*acquis* tal-Unjoni rilevanti u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni. Meta jiddefinixxu l-prijoritajiet tal-programmi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri ta' implimentazzjoni kif stabbiliti fl-Anness II huma indirizzati b'mod adegwat.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u fejn xieraq, eu-LISA, huma assoċjati mal-proċess tal-iżvilupp tal-programmi tal-Istati Membri fi stadju bikri, sakemm jaqa' taħt il-kompetenzi tal-Aġenziji.

3. Għandha tikkonsulta lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta dwar l-abbozzi tal-programmi b'enfasi speċifika fuq l-attivitajiet inklużi taħt appoġġ operazzjonali skont l-Artikolu 3(2)(b) biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-kumplimentarjetà tal-azzjonijiet tal-Aġenzija u dawk tal-Istati Membri rigward il-ġestjoni tal-fruntieri kif ukoll biex jiġi evitat finanzjament doppju u tinkiseb il-kosteffiċjenza.

4. Il-Kummissjoni tista' tassoċja l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, u fejn xieraq, l-eu-LISA, ma' kompiti ta' monitoraġġ u evalwazzjoni kif imsemmi fit-Taqsima 5, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġu żgurati li l-azzjonijiet implimentati bl-appoġġ tal-istrument ikunu konformi mal-*acquis* tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

5. Wara l-adozzjoni ta' rakkomandazzjonijiet fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, u r-rakkomandazzjonijiet maħruġa fil-qafas tat-twettiq ta' valutazzjonijiet ta' vulnerabbiltà f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 2016/1624, l-Istat Membru kkonċernat għandu jeżamina, flimkien mal-Kummissjoni, l-approċċ l-iżjed xieraq biex jiġu indirizzati dawn ir-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ ta' dan l-istrument.

6. Il-Kummissjoni għandha tassoċja, fejn rilevanti, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta mal-proċess ta' eżami dwar l-approċċ l-iżjed xieraq biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet bl-appoġġ ta' dan l-Istrument.

7. Meta jkun qed jiġi implimentat il-paragrafu 5, l-Istat Membru kkonċernat għandu jagħti prijorità lill-implimentazzjoni ta' miżuri li jindirizzaw kwalunkwe defiċjenza identifikata, speċjalment miżuri li jindirizzaw defiċjenzi gravi u valutazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, fil-programm tiegħu.

8. Fejn hu meħtieġ, il-programm inkwistjoni għandu jiġi emendat biex jikkunsidra r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5. Skont l-impatt finanzjarju tal-aġġustament, il-programm rivedut jistgħu jiġu approvati mill-Kummissjoni.

9. F'kooperazzjoni u konsultazzjoni mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta f'konformità mal-kompetenzi tal-Aġenzija, l-Istat Membru kkonċernat jista' jirrialloka riżorsi taħt il-programm tiegħu, inklużi dawk ipprogrammati għal appoġġ operazzjonali, bl-għan li jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 5 li għandhom implikazzjonijiet finanzjarji.

10. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-Unjoni, kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta proġetti ma' pajjiż terz jew fih bl-appoġġ tal-Istrument, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonsulta lill-Kummissjoni qabel il-bidu tal-proġett.

11. Kull meta Stat Membru jiddeċiedi li jimplimenta azzjonijiet ma' pajjiż terz jew fih, bl-appoġġ tal-Istrument li jirrelata ma' monitoraġġ, detezzjoni, identifikazzjoni, intraċċar, prevenzjoni u interċezzjoni ta' dħul mhux awtorizzat għall-iskop tad-detezzjoni, prevenzjoni u sforzi kontra l-immigrazzjoni illegali u l-kriminalità transfruntiera, jew għall-iskop tal-kontribuzzjoni lejn il-protezzjoni u salvataġġ ta' ħajjiet ta' migranti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura li jkun innotifika lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali ma' dak il-pajjiż terz skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1052/2013.

12. Fir-rigward ta' tagħmir operazzjonali, inkluż mezzi tat-trasport, u sistemi ta' komunikazzjoni meħtieġa għal kontroll fil-fruntieri effettiv u sigur mixtrija bl-appoġġ ta' dan l-Istrument, għandu japplika dan li ġej:

   (a) Qabel it-tnedija tal-proċeduri ta' xiri biex jinxtara tagħmir operazzjonali, inklużi mezzi tat-trasport, u sistemi ta' komunikazzjoni bl-appoġġ tal-Istrument, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jikkonforma mal-istandards stabbiliti mill-

Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, fejn jeżistu dawn l-istandards, u għandhom jivverifikaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tiegħu mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bl-għan li tiġi żgurata l-interoperabbiltà tal-assi użati mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta;

(b) It-tagħmir operazzjonali fuq skala kbira kollu, bħal mezzi tat-trasport bl-ajru u bil-baħar, mixtri mill-Istati Membri għandu jiġi rreġistrat fil-ġabra ta' tagħmir tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bil-għan li dawn l-assi jkunu disponibbli skont l-Artikolu 39(8) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624.

(c) L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jixtru oġġetti għal operazzjonijiet marittimi bi skopijiet multipli sakemm, meta operati mill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti, dawn l-oġġetti jkunu involuti f'operazzjonijiet ta' sorveljanza fil-fruntieri tal-anqas 60 % tal-perjodu totali tal-użu għal skopijiet nazzjonali fi żmien sena. Dawn l-oġġetti għandhom jiġu rreġistrati fil-ġabra ta' tagħmir tekniku tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta bil-għan li dawn l-assi jkunu disponibbli skont l-Artikolu 39(8) tar-Regolament (UE) Nru 2016/1624;

(d) Sabiex jiġi appoġġat l-ippjanar tal-iżvilupp tal-kapaċità koerenti għall-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-użu possibbli ta' akkwist raggruppat, l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-ippjanar pluriennali disponibbli għat-tagħmir li huwa mistenni li jinxtara permezz tal-Istrument lill-Kummissjoni bħala parti mir-rapportar dwar l-implimentazzjoni skont l-Artikolu 27. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti din l-informazzjoni lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

13. It-taħriġ fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri mwettaq bl-appoġġ ta' dan l-Istrument għandu jkun ibbażat fuq l-istandards Ewropej armonizzati u ta' kwalità garantita rilevanti tal-edukazzjoni u t-taħriġ komuni għall-gwardja tal-fruntiera u tal-kosta.

14. L-Istati Membri għandhom jimmiraw li jwettqu b'mod partikolari l-azzjonijiet elenkati fl-Anness IV. Biex tindirizza ċirkostanzi ġodda jew mhux previsti jew biex tiżgura l-implimentazzjoni ta' finanzjament, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Anness IV.

15. Il-programmazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) Nru …/… [CPR] għandha tkun ibbażata fuq it-tipi ta' intervent stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness VI.

Artikolu 13

Rieżami ta' nofs it-terminu

1. Fl-2024, il-Kummissjoni għandha talloka l-ammont addizzjonali msemmija fl-Artikolu 10(1)(b) għall-programmi tal-Istati Membri kkonċernati skont il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1(c) tal-paragrafi 2 sa 11 tal-Anness I, u fihom. L-allokazzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-aħħar *data* statistika disponibbli għall-kriterji msemmija fil-paragrafu 1(c) u fil-paragrafi 2 sa 11 tal-Anness I. Il-finanzjament għandu jkun effettiv għall-perjodu mis-sena kalendarja 2025.

2. F'każ li tal-anqas 10 % tal-allokazzjoni inizjali ta' programm imsemmija fl-Artikolu 10(1)(a) ma jkunu ġew koperti minn applikazzjonijiet għal dividend *interim* ippreżentat skont l-Artikolu 85 tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR], l-Istat Membru kkonċernat ma għandux ikun eliġibbli li jirċievi allokazzjoni addizzjonali għall-programm tiegħu msemmi fil-paragrafu 1.

3. L-allokazzjoni tal-fondi mill-faċilità tematika mill-2025 għandha tqis, fejn xieraq, il-progress li sar fil-kisba tal-miri tal-qafas ta' prestazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR] u n-nuqqas identifikati tal-implimentazzjoni.

Artikolu 14

Azzjonijiet speċifiċi

1. "azzjoni speċifika" tfisser proġett transnazzjonali jew nazzjonali konformi mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament li għalih Stat Membru wieħed, diversi Stati Membri jew l-Istati Membri kollha jirċievu allokazzjoni addizzjonali għall-programmi tagħhom.

2. L-Istati Membri jistgħu, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont l-Artikolu 10(1), jirċievu finanzjament għal azzjonijiet speċifiċi, sakemm konsegwentement dan jiġi indikat li huwa hekk fil-programm u jintuża biex jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Dan il-finanzjament ma għandux jintuża għal azzjonijiet oħra fil-programm ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u kif approvat mill-Kummissjoni permezz ta' emenda tal-programm.

Artikolu 15

Appoġġ operazzjonali

1. L-appoġġ operattiv huwa parti mill-allokazzjoni ta' Stat Membru li jista' jintuża bħala appoġġ għall-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mit-twettiq tal-kompiti u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-Unjoni.

2. Stat Membru jista' juża sa 30 % tal-ammont allokat għall-programm tiegħu permezz tal-Istrument biex jiffinanzja appoġġ operazzjonali lill-awtoritajiet pubbliċi responsabbli mill-kompiti u s-servizzi li jikkostitwixxu servizz pubbliku għall-Unjoni.

3. Stati Membri li jużaw appoġġ operazzjonali għandhom ikunu konformi mal-*acquis* tal-Unjoni dwar il-fruntieri u l-viżi.

4. L-Istati Membri għandhom jiġġustifikaw l-użu ta' appoġġ operazzjonali biex jinkisbu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament fil-programm u fir-rapporti annwali ta' prestazzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 27. Qabel l-approvazzjoni tal-programm, il-Kummissjoni għandha, wara konsultazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta rigward il-kompetenzi tal-Aġenzija skont l-Artikolu 12(3), tivvaluta s-sitwazzjoni bażi fl-Istati Membri li indikaw l-intenzjoni tagħhom li jużaw appoġġ operazzjonali, waqt li tqis l-informazzjoni pprovduta minn dawk l-Istati Membri u, fejn rilevanti, l-informazzjoni disponibbli fid-dawl ta' evalwazzjonijiet ta' Schengen u valutazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi r-rakkomandazzjonijiet li jsegwu evalwazzjonijiet ta' Schengen u valutazzjonijiet ta' vulnerabbiltà.

5. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4(3)(c), l-appoġġ operattiv għandu jkun iffokat fuq kompiti u servizzi speċifiċi kif stipulat fl-Anness VII.

6. Sabiex jiġu indirizzati ċirkostanzi mhux imbassra jew ġodda jew biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament, il-Kummissjoni se tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-kompiti u servizzi speċifiċi fl-Anness VII.

Artikolu 16

Appoġġ operattiv għall-Iskema ta’ Tranżitu Speċjali

1. Dan l-istrument għandu jipprovdi appoġġ biex jikkumpensa għall-ħlasijiet mitlufa mill-viżi maħruġa għall-fini tal-ispejjeż tat-transitu u addizzjonali li jkunu saru fl-implimentazzjoni tal-iskema tad-Dokument ta’ Tranżitu Faċilitat (facilitated transit document, FTD) u d-Dokument ta’ Tranżitu Ferrovjarju Faċilitat (facilitated rail transit document, FRTD) skont ir-Regolament (KE) Nru 693/2003 u Regolament (KE) Nru 694/2003.

2. Ir-riżorsi allokati lil-Litwanja għall-Iskema ta’ Tranżitu Speċjali skont l-Artikolu 7(2)(a) se jkunu disponibbli bħala appoġġ operazzjonali addizzjonali għal-Litwanja, skont l-azzjonijiet eliġibbli għal appoġġ operazzjonali fil-programm, kif imsemmi fl-Anness VII.

3. Permezz ta’ deroga mill-Artikolu 15(2), il-Litwanja tista’ tuża l-ammont allokat lilha b’konformità mal-Artikolu 7(2)(a) biex tiffinanzja l-appoġġ operattiv minbarra l-ammont definit fl-Artikolu 15(2).

4. Il-Kummissjoni u l-Litwanja għandhom jevalwaw l-applikazzjoni ta’ dan l-Artikolu f’każ ta’ bidliet li għandhom impatt fuq l-eżistenza jew il-funzjonament tal-Iskema ta’ Tranżitu Speċjali.

TAQSIMA 3
APPOĠĠ U IMPLIMENTAZZJONI B’ĠESTJONI DIRETTA U INDIRETTA

Artikolu 17

Kamp ta’ applikazzjoni

Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawn ir-riżorsi direttament skont il-punt (a) tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament skont il-punt (c) ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Azzjonijiet tal-Unjoni

1. Azzjonijiet tal-Unjoni huma proġetti transnazzjonali jew proġetti ta’ interess partikolari għall-Unjoni, f’konformità mal-għanijiet ta’ dan ir-Regolament.

2. Bl-inizjattiva tal-Kummissjoni, l-Istrument jista’ jintuża biex jiffinanzja azzjonijiet tal-Unjoni rigward l-għanijiet ta’ dan ir-Regolament kif imsemmija fl-Artikolu 3 u skont l-Annessi II u III.

3. Azzjonijiet tal-Unjoni jistgħu jipprovdu finanzjament fi kwalunkwe waħda mill-forom stipulati fir-Regolament Finanzjarju, b’mod partikolari għotjiet, premji u akkwist pubbliku. Jista' jipprovdi wkoll finanzjament fil-forma ta' strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit.

4. Għotjiet implimentati taħt ġestjoni diretta għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-[Titolu VIII] tar-Regolament Finanzjarju.

5. Il-kumitat ta’ evalwazzjoni jista’ jkun magħmul minn esperti esterni.

6. Kontribuzzjonijiet għal mekkaniżmu ta’ assigurazzjoni reċiproka jistgħu jkopru r-riskju assoċjat mal-irkupru ta’ fondi dovuti minn riċevituri, u skont ir-Regolament Finanzjarju għandhom jitqiesu bħala garanzija suffiċjenti. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fl-[Artikolu X] tar-Regolament (UE) Nru .../... [is-suċċessur tar-Regolament dwar il-Fond ta’ Garanzija] .

Artikolu 19

Operazzjonijiet ta' taħlit

L-operazzjonijiet ta' taħlit skont dan l-istrument għandhom jiġu implimentati b'konformità mar-[Regolament InvestUE] u t-[Titolu X] tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 20

Assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni

L-istrument jista' jappoġġa miżuri ta' assistenza teknika implimentati bl-inizjattiva tal-Kummissjoni jew f'isimha. Dawn il-miżuri jistgħu jiġu finanzjati bir-rata ta' 100 %.

Artikolu 21

Awditi

L-awditi dwar l-użu tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni mwettqa minn persuni jew entitajiet, inkluż minn oħrajn minbarra dawk imqabbda mill-Istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Unjoni, għandhom jiffurmaw il-bażi tal-garanzija kumplessiva skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 22

Informazzjoni, komunikazzjoni u pubbliċità

1. Ir-riċevituri tal-finanzjament tal-Unjoni għandhom jirrikonoxxu l-oriġini u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Unjoni, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lil diversi udjenzi, inklużi lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-għanijiet ta' dan ir-Regolament.

TAQSIMA 4
APPOĠĠ U IMPLIMENTAZZJONI B'ĠESTJONI KONDIVIŻA, DIRETTA U INDIRETTA

Artikolu 23

Assistenza ta' emerġenza

1. "sitwazzjoni ta' emerġenza" tfisser sitwazzjoni li tirriżulta minn pressjoni urġenti u eċċezzjonali fejn numru kbir jew sproporzjonat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi qasmu, qed jaqsmu jew huma mistennija li jaqsmu l-fruntieri esterni ta' Stat Membru wieħed jew aktar, b'mod partikolari f'sezzjonijiet tal-fruntiera fejn il-livell tal-impatt ġie identifikat b'tali mod li jipperikola l-funzjonament taż-żona Schengen kollha, jew kwalunkwe sitwazzjoni oħra ta' pressjoni urġenti u eċċezzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li tirrikjedi azzjoni immedjata.
2. Assistenza ta' emerġenza tista' tieħu l-forma ta' għotjiet mogħtija direttament lil aġenziji deċentralizzati.

3. Assistenza ta' emerġenza tista' tiġi allokata lil programmi ta' Stati Membri flimkien mal-allokazzjoni tagħhom ikkalkolata skont l-Artikolu 10(1) u l-Anness I, sakemm konsegwentement dan jiġi indikat li huwa hekk fil-programm. Dan il-finanzjament ma għandux jintuża għal azzjonijiet oħra fil-programm ħlief f'ċirkostanzi debitament ġustifikati u kif approvat mill-Kummissjoni permezz ta' emenda tal-programm.

4. Għotjiet implimentati b'ġestjoni diretta għandhom jingħataw u jiġu ġestiti skont it-[Titolu VIII] tar-Regolament Finanzjarju.

Artikolu 24

Finanzjament kumulattiv, kumplimentari u kkombinat

1. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni skont il-Programm tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni minn kull programm ieħor tal-Unjoni, inklużi Fondi b'ġestjoni kondiviża, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprux l-istess kostijiet. Ir-regoli ta' kull programm tal-Unjoni kontribwenti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni rispettiva tiegħu għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni u l-appoġġ mill-programmi differenti tal-Unjoni jista' jiġi kkalkolat fuq bażi prorata b'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-appoġġ.

2. L-azzjonijiet li jingħataw ċertifikazzjoni b'siġill ta' Eċċellenza, jew li jkunu konformi mal-kundizzjonijiet kumulattivi u paragunabbli li ġejjin:

(a) dawn ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għal proposti skont l-istrument;

(b) dawn iħarsu l-ħtiġijiet minimi ta' kwalità ta' din is-sejħa għal proposti;

(c) dawn ma jistgħux jiġu ffinanzjati skont din is-sejħa għal proposti minħabba restrizzjonijiet baġitarji,

jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, mill-Fond ta' Koeżjoni, mill-Fond Soċjali Ewropew+ jew mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, b'konformità mal-paragrafu 5 tal-Artikolu 67 tar-Regolament (UE) Nru …/… [CPR] u mal-Artikolu 8 jew mar-Regolament (UE) Nru …/… [Il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-Politika Agrikola Komuni], bil-kundizzjoni li tali azzjonijiet ikunu konsistenti mal-għanijiet tal-programm ikkonċernat. Għandhom japplikaw ir-regoli tal-Fond jew l-istrument li jipprovdi l-appoġġ.

TAQSIMA 5

MONITORAĠĠ, RAPPURTAR U EVALWAZZJONI

Sub-Taqsima 1 Dispożizzjonijiet komuni

Artikolu 25

Monitoraġġ u rapportar

1. F'konformità mar-rekwiżit ta' rappurtar tagħha skont l-Artikolu 43(3)(h)(i)(iii) tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill informazzjoni dwar il-prestazzjoni f'konformità mal-Anness V.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Anness V biex isiru l-aġġustamenti meħtieġa biex l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni li għandu jingħata lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-istrument lejn il-kisba tal-għanijiet speċifiċi ta' dan ir-Regolament huma stabbiliti fl-Anness VIII. Għal indikaturi ta' output, il-linji bażi għandha tiġi ssettjata għal żero. L-istadji importanti stabbiliti għall-2024 u l-miri stabbiliti għall-2029 għandhom ikunu kumulattivi.

4. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonati fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u, fejn rilevanti l-Istati Membri.

5. Biex tiżgura valutazzjoni effettiva tal-progress tal-istrument lejn il-kisba tal-għanijiet tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 29 biex temenda l-Anness VIII biex tirrevedi u tikkumplimenta l-indikaturi fejn meħtieġ u biex dan ir-Regolament jiġi ssupplimentat b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, inkluża informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-Istati Membri.

Artikolu 26

Evalwazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u retrospettiva ta' dan ir-Regolament, inklużi l-azzjonijiet implimentati skont dan l-istrument.

2. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u retrospettiva għandha titwettaq fil-ħin sabiex ikun hemm kontribuzzjoni għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'konformità mal-iskeda ta' żmien stipulata fl-Artikolu 40 tar-Regolament (UE) Nru …/… [CPR].

Subtaqsima 2 Regoli għal ġestjoni kondiviża

Artikolu 27

Rapporti ta' prestazzjoni annwali

1. Sal-15 ta' Frar 2023 u sal-istess data ta' kull sena sussegwenti sal-2031, inkluża, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport ta' prestazzjoni annwali lill-Kummissjoni kif imsemmi fl-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR]. Ir-rapport ippreżentat fl-2023 għandu jkopri l-implimentazzjoni tal-programm imwettqa sat-30 ta' Ġunju 2022.

2. B'mod partikolari r-rapport ta' prestazzjoni annwali għandu jistabbilixxi informazzjoni dwar:

   (a) il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm u fil-kisba ta' stadji importanti u miri, filwaqt li titqies l-iżjed data riċenti kif meħtieġ mill-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR];

   (b) kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u l-azzjonijiet meħudin biex jindirizzawhom;

   (c) il-kumplimentarjetà bejn l-azzjonijiet appoġġati mill-Istrument u l-appoġġ ipprovdut minn Fondi oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk f'pajjiżi terzi jew f'relazzjoni magħhom;

(d) il-kontribuzzjoni tal-programm għall-implimentazzjoni tal-*acquis* rilevanti tal-Unjoni u pjanijiet ta' azzjoni;

(e) l-implimentazzjoni ta' komunikazzjoni u azzjonijiet ta' viżibbiltà;

(f) l-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' abilitazzjoni u l-applikazzjoni tagħhom matul il-perjodu ta' programmazzjoni.

3. Il-Kummissjoni tista' tagħmel osservazzjonijiet dwar ir-rapporti ta' prestazzjoni annwali fi żmien xahrejn mid-data li tirċevih. Meta l-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien din l-iskadenza, ir-rapporti għandhom jitqiesu li huma aċċettati.

4. Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-mudell għar-rapporti ta' prestazzjoni annwali. Dan l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 30(2).

Artikolu 28

Monitoraġġ u rapportar

1. Il-monitoraġġ u r-rapportar, skont it-Titlu IV tar-Regolament (UE) Nru …/… [CPR], għandhom ikunu bbażati fuq it-tipi ta' interventi stabbiliti fit-Tabelli 1, 2 u 3 fl-Anness VI. Biex tindirizza ċirkostanzi ġodda jew mhux previżti jew biex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-finanzjament, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex temenda l-Annessi VI skont l-Artikolu 29.

2. Dawn l-indikaturi komuni għandhom jintużaw skont l-Artikoli 12(1), 17 u 37 tar-Regolament (UE) Nru .../... [CPR].

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 29

Eżerċitar tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 12, 15, 25 u 28 għandha tingħata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2028.

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jirrevoka d-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 12, 15, 25 u 28 fi kwalunkwe żmien. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fid-deċiżjoni. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att delegat li jkun fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-istess ħin dwaru.

6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 12, 15, 25 u 28 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma joġġezzjonaw għalih fi żmien xahrejn minn meta jiġu mgħarrfa bih jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, it-tnejn li huma jkunu għarrfu lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw għalih. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 30

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument ta' Ġestjoni tal-Fruntieri. Dan il-Kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni. Dan ma għandux japplika għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 27(4).

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet ikkonċernati, sal-għeluq tagħhom, taħt l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viżi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020, stabbilit mir-Regolament (UE) 515/2014, li għandu jkompli japplika għall-azzjonijiet ikkonċernati sal-għeluq tagħhom.

2. Il-pakkett finanzjarju għall-Istrument jista' jkopri wkoll spejjeż ta' assistenza teknika u amministrattiva neċessarji biex tiġi żgurata t-tranżizzjoni bejn l-Istrument u l-miżuri adottati taħt il-predeċessur tiegħu, l-istrument għall-fruntieri esterni u l-viżi bħala parti mill-Fond għas-Sigurtà Interna għall-perjodu 2014-2020, stabbilit mir-Regolament (UE) 515/2014.

Artikolu 32

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri f'konformità mat-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

1.2. Qasam (oqsma) ta' politika kkonċernat(i) (Raggruppament ta' programmi)

1.3. Natura tal-proposta / tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.5. Durata u l-impatt finanzjarju

1.6. Metodu/i ta’ ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u l-irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwati

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva

3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri (BMF).

1.2. Qasam (oqsma) ta’ politika kkonċernat(i) (Raggruppament ta' programmi)

Intestatura 4 (Ġestjoni tal-Migrazzjoni u tal-Fruntieri). Titolu 11. Il-ġestjoni tal-fruntieri

1.3. Il-proposta/inizjattiva tirrelata ma’:

☑ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[61]

☐ estensjoni ta’ azzjoni eżistenti

☐ amalgamazzjoni jew ridirezzjoni ta’ azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra / azzjoni ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.4.1. Rekwiżit(i) li għandhom jintlaħqu fuq perjodu qasir jew twil inkluża skeda ddettaljata għall-introduzzjoni tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

Il-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar leġittimu, bi prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u r-riskji għas-sigurtà fl-istess ħin, hija għan ewlieni tal-Aġenda dwar il-Migrazzjoni. L-Istrateġija għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri Ewropej qed tiġi implimentata mill-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, kooperazzjoni mill-qrib bejn il-partijiet kostitwenti tagħha, prinċipalment l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-gwardji tal-fruntieri tal-Istati Membri.

Fl-14 ta’ Marzu 2018, il-Kummissjoni ppreżentat l-approċċ politiku tagħha għall-adattament tal-politika komuni dwar il-viżi għal sfidi ġodda, inkluż permezz ta’ reviżjoni tal-qafas legali tas-Sistema ta’ Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Il-Kummissjoni ppreżentat proposta legali li tindirizza l-prattiki diverġenti eżistenti fost l-Istati Membri u tiżgura li regoli dwar il-ħruġ ta’ viżi jistgħu jkollhom parti fil-politika tar-riammissjoni tal-Unjoni.

Biex tiġi ppreservata u msaħħa ż-żona Schengen, l-Istati Membri huma obbligati, mis-6 ta’ April 2017, li jwettqu verifiki sistematiċi kontra bażijiet ta’ data rilevanti dwar iċ-ċittadin tal-UE li qed jaqsmu l-fruntieri esterni tal-UE. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħarġet Rakkomandazzjoni lill-Istati Membri biex jagħmlu użu aħjar minn verifiki tal-pulizija u kooperazzjoni transfruntiera. Dawn l-għanijiet ta’ politika u azzjonijiet kollha se jippermettu lill-UE tikseb l-għan prinċipali tagħha tar-rinforz tal-funzjonament taż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni; madankollu, iridu jkun ibbażati fuq finanzjament adegwat mill-UE.

[61] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Biex is-sistema ta' ġestjoni integrata b'mod sħiħ tal-fruntieri tal-UE tkun tiffunzjona, jeħtieġ li tiġi żgurata Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta. Għaldaqstant, il-Kummissjoni pproponiet li toħloq korp permanenti ta' madwar 10,000 gwardja tal-fruntiera li jkun jirċievi t-taħriġ u l-appoġġ finanzjarju meħtieġ u b'hekk jiżdied il-komponent tal-gwardja nazzjonali tal-fruntiera tal-EBCG (European Border and Coast Guard). L-inkorporazzjoni ta' din il-bidla sinifikanti jista' jġib miegħu l-ħtieġa li jiġi emendat il-mandat tal-Aġenzija EBCG fil-kapaċità tagħha ta' komponent tal-UE tal-EBCG.

Barra minn hekk, jenħtieġ li l-finanzjament mill-UE jkun jista' jindirizza sitwazzjonijiet li jirriżultaw minn pressjoni urġenti u eċċezzjonali fuq il-fruntieri esterni tal-UE jew sitwazzjonijiet oħrajn li jirrikjedu azzjoni immedjata li ma tistax tiġi indirizzata minn Stati Membri jaġixxu waħedhom.

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe żvilupp ta' politika futura, kull proposta futura f'dan il-qasam se tinkludi d-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva separat tagħha stess li għaliha r-riżorsi finanzjarji korrispondenti jistgħu jiġu koperti jew bil-pakkett tal-Fond jew bi kwalunkwe finanzjament addizzjonali disponibbli fil-pakkett tal-QFP.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. titjib tal-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li inkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għall-azzjoni fil-livell Ewropew (*ex ante*)

L-isfidi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni huma bin-natura tagħhom fenomeni transnazzjonali interkonnessi u ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri jaġixxu waħedhom. L-Artikolu 80 TFUE jistipula li l-politiki komuni dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri esterni huma bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetá u t-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri. Il-finanzjament mill-UE huwa l-mekkaniżmu li jagħti effett lill-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju. Il-ġestjoni integrata tal-fruntieri esterni tal-UE hija l-iżjed mod effettiv kif jitqassmu b'mod ġust dawn ir-responsabbiltajiet u l-implikazzjonijiet finanzjarji tagħhom bejn l-Istati Membri. Il-finanzjament tal-UE f'dan il-qasam huwa indispensabbli biex tkun żgurata ġestjoni integrata tal-fruntieri b'saħħitha u effettiva filwaqt li jissalvagwardja l-moviment ħieles tal-persuni fiż-żona Schengen. Id-dritt tal-UE li taġixxi fil-qasam tal-affarijiet interni jiġi primarjament mit-Titolu V TFUE (Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja): twettaq kontrolli fuq persuni u sorveljanza effiċjenti tal-qsim tal-fruntieri (Artikolu 77 TFUE).

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jiġi ġġenerat (*ex post*)

L-isfidi fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni u l-politika komuni dwar il-viżi ma jistgħux jiġu indirizzati b'mod adegwat mill-Istati Membri jaġixxu waħedhom.

L-abolizzjoni ta' kontrolli fil-fruntieri interni jrid ikun akkumpanjat minn miżuri komuni għall-kontroll u sorveljanza effettivi tal-fruntieri esterni tal-Unjoni kif ukoll ta' politika komuni dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Dan huwa neċessarju sabiex tiġi ppreservata ż-żona Schengen bħala żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, u jiġu pprevjenuti u indirizzati kwalunkwe movimenti sekondarji. L-Artikolu 80 TFUE jistipula li l-politiki komuni dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-fruntieri esterni huma bbażati fuq il-prinċipju tas-solidarjetá u t-tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-

Istati Membri. Il-finanzjament mill-UE huwa l-mekkaniżmu li jagħti effett lill-implikazzjonijiet finanzjarji ta' dan il-prinċipju.

L-UE hija mfassla biex toħloq spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mingħajr fruntieri interni għaċ-ċittadini tagħha. F'era fejn it-terroriżmu u kriminalità serja oħra joperaw bejn il-fruntieri, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha għandhom responsabbiltà lejn iċ-ċittadini tagħhom li jipprovdu spazju ta' sigurtà fejn l-individwi huma protetti, f'konformità sħiħa mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. F'dan ir-rigward, it-Trattati jipprevedi l-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' sigurtà, inkluż permezz ta' miżuri preventivi, u permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-ġudikatura u awtoritajiet kompetenti oħra. L-Istati Membri għandhom ir-responsabbiltà ta' fuq quddiem għall-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà, iżda ma jistgħux jindirizzaw theddidiet transnazzjonali b'mod effettiv jekk jaġixxu waħedhom. Iridu jinbnew għodod fil-livell Ewropew li permezz tagħhom awtoritajiet nazzjonali u, fejn rilevanti, Organizzazzjonijiet Internazzjonali jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effettiv biex jindirizzaw sfidi komuni.

1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

Il-proposta tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni tal-istrument ta' finanzjament preċedenti fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u l-viża.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Istrument attwali nstab li huwa wiesa' biżżejjed biex jindirizza l-firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri u tal-viża. Jenħtieġ li d-dimensjoni esterna tal-Istrument tiġi msaħħa biż-żieda ta' riżorsi adegwati mal-Istrument biex ikopru l-kooperazzjoni ma' u f'pajjiżi terzi li tista' tappoġġa l-għanijiet tal-Unjoni fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri.

Barra minn hekk, l-evalwazzjoni sabet li hemm bżonn ta' aktar flessibbiltà, billi jkun hemm taħlita bbilanċjata sew ta' ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta biex twettaq l-Istrument, u billi ma titteħidx deċiżjoni fuq il-mod ta' ġestjoni tal-pakkett ta' finanzjament sħiħ fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni. Dan se jippermetti wkoll li l-fondi jiġu diretti lejn prijoritajiet tal-Unjoni kif ukoll lejn sfidi urġenti li mhux dejjem jistgħu jiġu mbassra jew isiru pjanijiet għalihom mill-bidu.

Is-simplifikazzjoni kienet suġġett ieħor tal-evalwazzjonijiet, b'mod aktar speċifiku l-ħtieġa li jiġu stabbiliti regoli komuni għall-programmazzjoni, rapportar u ġestjoni finanzjarja u jiġu allinjati l-Fondi għall-Affarijiet Interni ma' strumenti ta' finanzjament tal-UE simili.

Fl-aħħar, jenħtieġ li l-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni komuni attwali jittieħed bħala bażi u jiġi żviluppat aktar biex jirriżulta f'orjentazzjoni lejn prestazzjoni msaħħa tal-Istrument, kif ukoll rapportar imtejjeb u aktar frekwenti dwar il-progress fl-ilħiq ta' għanijiet u stadji importanti.

1.4.4. Il-kompatibbiltà u s-sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra

Numru ta' strumenti oħra tal-UE se jipprovdu appoġġ lil attivitajiet li huma komplementarji għall-attivitajiet li se jiġu ffinanzjati taħt dan l-Istrument.

L-ewwel nett il-Fond għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali, li flimkien ma' dan l-Istrument se jappoġġa azzjonijiet fil-fruntieri esterni tal-UE mmirati lejn l-iżgurar ta' livell għoli ta' sigurtà fl-Unjoni. Fejn dan l-Istrument se jiffoka fuq kontroll ta'

persuni, il-Fond għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali se jindirizza l-kontroll ta' merkanzija. Il-Fond għat-Tagħmir ta' Kontroll Doganali se jiffinanzja t-tagħmir kollu, bl-eċċezzjoni tal-mezzi tat-trasport, li tal-anqas skop wieħed tiegħu huwa l-kontroll doganali. Dan jista' jinkludi wkoll skopijiet ta' ġestjoni tal-fruntieri, biex b'hekk iż-żewġ fondi jsiru komplementarji għal xulxin.

Se jkun hemm sinerġiji oħra mal-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni. Filwaqt li dan l-Istrument se jappoġġa l-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-kuntest tal-kontroll fil-fruntieri, il-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni se jagħmel dan fir-rigward ta' proċeduri ta' risistemazzjoni u ritorn tal-ażil.

Barra minn hekk, dan l-Istrument se jappoġġa s-segwitu ta' riżultati ta' riċerka dwar is-sigurtà rilevanti, billi jipprovdi appoġġ lill-applikazzjoni prattika u l-iskjerar tar-riżultati ta' tali riċerka.

Il-komponenti tad-dimensjoni esterna ta' dan l-Istrument se jappoġġaw azzjonijiet f'pajjiżi terzi u fir-rigward tagħhom li primarjament jindirizzaw interessi u għanijiet tal-UE, għandhom impatt dirett fl-UE u l-Istati Membri tagħha u jiżguraw il-kontinwità ma' attivitajiet implimentati fit-territorju tal-UE. Dan il-finanzjament se jkun imfassal u implimentat f'koerenza mal-azzjoni esterna u l-politika estera tal-UE, billi pereżempju jirrikjedi li Stati Membri jikkonsultaw lill-Kummissjoni qabel iniedu azzjonijiet fi jew ma' pajjiżi terzi.

Fl-aħħar, se jiġu żgurati wkoll is-sinerġiji mal-finanzjament mill-UE fil-qasam tas-sorveljanza marittima, billi dan l-Istrument se jippermetti x-xiri ta' tagħmir bi skopijiet multipli u mezzi tat-trasport. Dan se jwassal għall-massimizzazzjoni tal-fondi disponibbli u se jkompli jrawwem il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti dwar id-dimensjoni marittima.

1.5. Durata u l-impatt finanzjarju

☑ **tul ta' żmien limitat**

– ☑ fis-seħħ mill-1.1.2021 sal-31.12.2027

– ☑ L-impatt finanzjarju mill-2021 sal-2027 għall-approprjazzjonijiet ta' impenji u mill-2021 għall-approprjazzjonijiet ta' ħlasijiet.

☐ **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,

– u wara dan jibda' l-operat sħiħ.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[62]

☑ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☑ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi[63]

☑ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☑ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni tal-baġit jiġu fdati lil:

– ☑ pajjiżi terzi jew il-korpi li ddeżinjaw;

– ☑ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li għandhom jiġu speċifikati);

– ☑ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☑ il-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☑ korpi rregolati bil-liġi pubblika;

– ☑ korpi rregolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☑ korpi rregolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, ipprovdi d-dettalji fit-Taqsima "Kummenti".*

Kummenti

L-istrument propost se jiġi implimentat f'ġestjoni kondiviża, diretta jew indiretta. L-akbar parti tar-riżorsi se tkun allokata għall-programmi nazzjonali b'ġestjoni kondiviża. Il-parti li jifdal se tkun allokata għal faċilità tematika u tista' tintuża għal azzjonijiet speċifiċi (implimentati mill-Istati Membri b'mod nazzjonali jew transnazzjonali), azzjonijiet tal-Unjoni (ġestjoni diretta / indiretta), assistenza ta'

[62] Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

[63] Il-programm jista' jiġi (parzjalment) delegat lil aġenzija eżekuttiva, soġġett għall-eżitu tal-analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji u d-deċiżjonijiet relatati li jridu jittieħdu, u għall-fatt li l-approprjazzjonijiet amministrattivi relatati mal-implimentazzjoni tal-programm fil-Kummissjoni u l-aġenzija eżekuttiva jiġu adattati kif xieraq.

emerġenza (ġestjoni kondiviża, jew diretta jew indiretta), trasferiment u risistemazzjoni (ġestjoni kondiviża) u n-Netwerk Ewropew dwar il-Migrazzjoni (ġestjoni diretta). Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ġestjoni diretta / indiretta:

Il-Kummissjoni se timmonitorja b'mod dirett l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet skont il-modalitajiet deskritti fil-ftehimiet ta' għotja, ftehimiet delegati ma' organizzazzjonijiet internazzjonali fejn applikabbli u kuntratti mal-benefiċjarji, rispettivi.

Ġestjoni kondiviża:

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi sistemi ta' ġestjoni u kontroll għall-programm tiegħu u jiżgura l-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ u tad-data fuq indikaturi, skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (Common Provisions Regulation, CPR). Sabiex jiġi ffaċilitat il-bidu rapidu tal-implimentazzjoni, huwa possibbli li jkun hemm "roll-over" ta' sistemi eżistenti li jiffunzjonaw sew ta' ġestjoni u kontroll għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

F'dan il-kuntest, l-Istati Membri se jintalbu jistabbilixxu kumitat ta' monitoraġġ li għalih il-Kummissjoni għandha tipparteċipa f'funzjoni konsultattiva. Il-kumitat ta' monitoraġġ għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena. Dan għandu jevalwa l-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress ta' programm lejn l-ilħiq tal-għanijiet tiegħu.

L-Istati Membri se jibagħtu rapporti ta' prestazzjoni annwali, li jenħtieġ li jistabbilixxi informazzjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-programm u fil-kisba ta' stadji importanti u miri. Jenħtieġ li jqajjem ukoll kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u jiddeskrivi l-azzjoni meħuda biex tindirizzahom.

Fl-aħħar tal-perjodu, kull Stat Membru għandu jissottometti rapport ta' prestazzjoni finali. Jenħtieġ li r-rapport finali jiffoka fuq il-progress li sar lejn l-ilħuq tal-għanijiet tal-programm u jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kwistjonijiet ewlenin li affettwaw il-prestazzjoni tal-programm, il-miżuri meħuda biex jindirizzaw dawk il-kwistjonijiet u l-valutazzjoni tal-effettività ta' dawn il-miżuri. Barra minn hekk, jenħtieġ li jippreżenta l-kontribuzzjoni tal-programm biex jiġu indirizzati l-isfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-UE indirizzati lill-Istat Memru, il-progress li sar fl-ilħuq tal-miri stabbiliti fil-qafas ta' prestazzjoni, is-sejbiet tal-evalwazzjonijiet rilevanti u s-segwitu li ngħata lil dawk is-sejbiet u r-riżultati tal-azzjonijiet ta' komunikazzjoni.

Skont il-proposta tas-CPR, kull sena l-Istati Membri għandhom jibagħtu pakkett ta' assigurazzjoni, li jinkludi l-kontijiet annwali, id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni u l-opinjonijiet tal-awtorità tal-awditjar dwar il-kontijiet, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata fil-kontijiet annwali. Dan il-pakkett ta' assigurazzjoni jintuża mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-ammont li jista' jiġi impost fuq il-Fond għas-sena kontabilistika ta' wara.

Laqgħa ta' reviżjoni bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru għandha tiġi organizzata kull sentejn biex tiġi eżaminata l-prestazzjoni ta' kull programm.

Sitt darbiet fis-sena, l-Istati Membri jibagħtu *data* għal kull programm imqassma skont l-għanijiet speċifiċi. Din id-*data* tirreferi għall-ispiża tal-operazzjonijiet u l-valuri ta' indikaturi komuni ta' output u riżultati.

B'mod ġenerali:

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' nofs it-terminu u retrospettiva tal-azzjonijiet implimentati taħt dan il-Fond, skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tkun ibbażata b'mod partikolari fuq l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu ta' programmi sottomessi lill-Kummissjoni mill-Istati Membri sal-31 ta' Diċembru 2024.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i ta' implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' ħlas u l-istrateġija ta' kontroll proposta

Kemm l-evalwazzjonijiet *ex post* tal-Fondi tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni 2007-2013 kif ukoll l-evalwazzjonijiet *interim* tal-Fondi tad-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni attwali juru li taħlita ta' modi ta' twettiq fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-affarijiet interni ippermettew mod effettiv biex jinkisbu l-għanijiet tal-Fondi. Id-disinn olistiku tal-mekkaniżmi eżekuttivi nżamm u jinkludi ġestjoni kondiviża, diretta u indiretta.

Permezz ta' ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri jimplimentaw programmi li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika tal-Unjoni, li huma mfasslin apposta għall-kuntest nazzjonali tagħhom. Il-ġestjoni kondiviża tiżgura li l-appoġġ finanzjarju huwa disponibbli fl-Istati parteċipanti kollha. Barra minn hekk, il-ġestjoni kondiviża tippermetti l-prevedibbiltà tal-finanzjament u tħalli lill-Istati Membri, li huma l-iżjed li jifhmu fl-isfidi li jiffaċċjaw, jippjanaw id-dotazzjonijiet fit-tul tagħhom kif xieraq. Supplimentar ta' finanzjament għal Azzjonijiet Speċifiċi (li jirrikjedu sforz kooperattiv fost l-Istati Membri jew fejn żviluppi ġodda fl-Unjoni jirrikjedu li jsir disponibbli finanzjament addizzjonali għal Stat Membru wieħed jew aktar) u għal attivitajiet ta' risistemazzjoni u trasferiment jista' jiġi implimentat permezz tal-ġestjoni kondiviża. Ħaġa ġdida hija li l-Fond jista' jipprovdi wkoll assistenza ta' emerġenza permezz tal-ġestjoni kondiviża, flimkien mal-ġestjoni diretta u indiretta.

Permezz tal-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tappoġġa azzjonijiet oħra li jikkontribwixxu għall-għanijiet tal-politika komuni tal-Unjoni. L-azzjonijiet jippermettu appoġġ imfassal apposta għal ħtiġijiet urġenti u speċifiċi fi Stati Membri individwali ("assistenza ta' emerġenza"), jappoġġaw netwerks u attivitajiet transnazzjonali, jittestjaw attivitajiet innovattivi li jistgħu jsiru fuq skala akbar taħt programmi nazzjonali u jkopru studji fl-interess tal-Unjoni kollha ("azzjonijiet tal-Unjoni").

Permezz tal-ġestjoni indiretta, il-Fond iżomm il-possibbiltà li jiddelega kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lil, fost oħrajn, Organizzazzjonijiet Internazzjonali u Aġenziji tal-Affarijiet Interni għal skopijiet partikolari.

B'kunsiderazzjoni tal-għanijiet u l-ħtiġijiet differenti, hija proposta faċilità tematika taħt il-Fond bħala mod kif tiġi bbilanċjata l-prevedibbiltà tal-allokazzjoni pluriennali tal-finanzjament għall-programmi nazzjonali mal-flessibbiltà fl-iżborż perjodiku tal-finanzjament għal azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud għall-Unjoni. Il-faċilità tematika se tintuża għal azzjonijiet speċifiċi fi u fost l-Istati Membri, l-azzjonijiet tal-

Unjoni, l-assistenza ta' emerġenza, ir-risistemazzjoni u r-rilokazzjoni. Din se tiżgura li l-fondi jistgħu jiġu allokati u trasferiti fost il-modalitajiet differenti ta' hawn fuq, abbażi ta' programmazzjoni ta' sentejn.

Il-modalitajiet ta' ħlas għal ġestjoni kondiviża huma deskritti fil-proposta tas-CPR, li tipprevedi prefinanzjament annwali, segwit minn massimu ta' erba' dividendi *interim* kull programm u sena bbażati fuq l-applikazzjonijiet għal ħlas mibgħuta mill-Istati Membri matul is-sena kontabilistika. Skont il-proposta tas-CPR il-prefinanzjament jiġi approvat fl-aħħar sena kontabilistika tal-programmi.

L-istrateġija ta' kontroll se tkun ibbażata fuq ir-Regolament Finanzjarju ġdid u fuq ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Jenħtieġ li r-Regolament Finanzjarju ġdid u l-proposta għas-CPR jestendu l-użu ta' forom issimplifikati ta' għotjiet bħal somom f'daqqa, rati fissi u kosti unitarji. Għandu jintroduċi wkoll forom ġodda ta' ħlas, ibbażati fuq ir-riżultati miksuba, minflok fuq il-kost. Benefiċjarji se jkunu jistgħu jirċievu ammont fiss ta' flus jekk jagħtu prova li seħħew ċerti azzjonijiet bħal taħriġ jew twassil ta' għajnuna umanitarja. Dan huwa mistenni li jissimplifika l-piż tal-kontroll kemm fil-livell tal-benefiċjarju u kemm fil-livell tal-Istat Membru (pereż. verifika ta' kontijiet u rċevuti għall-ispejjeż).

Għal ġestjoni kondiviża, il-proposta tas-CPR[64] tibni fuq l-istrateġija ta' ġestjoni u kontroll fis-seħħ għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 iżda jintroduċi xi miżuri bil-għan li jissimplifikaw l-implimentazzjoni u jnaqqsu l-piż tal-kontroll fil-livell ta' kemm benefiċjarji u kemm Stati Membri. L-iżviluppi l-ġodda jinkludu:

- it-tneħħija tal-proċedura tal-ħatra (li jenħtieġ li twassal għal implimentazzjoni aktar rapida tal-programmi);

- verifiki (amministrattivi u fil-post) tal-ġestjoni li jitwettqu mill-awtorità maniġerjali fuq bażi ta' riskju (meta mqabbel mal-kontrolli 100 % amministrattivi meħtieġa fil-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020). Barra minn hekk, b'ċerti kundizzjonijiet, l-awtoritajiet maniġerjali jistgħu japplikaw arranġamenti ta' kontroll proporzjonati skont il-proċeduri nazzjonali

- kundizzjonijiet biex jiġu evitati awditi multipli fuq l-istess operazzjoni/nefqa.

L-awtoritajiet tal-programm se jissottomettu ħlas *interim* lill-Kummissjoni bbażat fuq in-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji. Il-proposta tas-CPR jippermetti lill-awtoritajiet maniġerjali jwettqu verifiki tal-ġestjoni fuq bażi ta' riskju u jipprevedi wkoll kontrolli speċifiċi (pereż. verifiki fil-post mill-awtorità maniġerjali u awditi ta' operazzjonijiet/nefqa mill-awtorità tal-awditjar) wara li n-nefqa assoċjata tiġi ddikjarata lill-Kummissjoni fit-talbiet għal ħlas *interim*. Sabiex jitnaqqas ir-riskju tar-rimborż ta' nfiq ineliġibbli, s-CPR jipprevedi li l-ħlasijiet *interim* tal-Kummissjoni jkunu limitati għal 90 %, minħabba li sa dak il-mument ikunu twettqu biss parti mill-kontrolli nazzjonali. Il-Kummissjoni tħallas il-bilanċ li jifdal wara l-eżerċizzju annwali ta' approvazzjoni tal-kontijiet, ladarba tirċievi l-pakkett ta' assigurazzjoni mill-awtoritajiet tal-programm. Kwalunkwe irregolarità identifikata mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri wara t-trażmissjoni tal-pakkett ta' assigurazzjoni annwali tista' twassal għal korrezzjoni finanzjarja netta.

64 COM(2018) 375 final.

2.2.2. *Informazzjoni rigward ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbiliti biex inaqqsuhom*

Ġestjoni kondiviża:

DĠ HOME ma kienx qed jiffaċċja riskji importanti ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq tiegħu. Dan huwa kkonfermat min-nuqqas ripetut ta' sejbiet sinifikanti fir-rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri. Barra minn hekk, id-DĠ HOME diġa rreveda l-bażi ġuridika tiegħu (ir-Regolament (UE) 2015/378 u r-Regolament Delegat (UE) 1042/2014) biex jallinja aktar il-qafas ta' kontroll tal-Fondi l-oħra taħt ir-Regolament dwar id-Dispożizzjoniet Komuni u l-mudell ta' assigurazzjoni u jkompli jżomm livell baxx ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq. Dan l-isforz ta' allinjament ikompli fil-proposta attwali, fejn il-Qafas ta' Kontroll huwa konsistenti mad-Direttorati Ġenerali l-oħra skont ġestjoni kondiviża.

F'ġestjoni kondiviża, ir-riskji ġenerali fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi attwali jikkonċernaw l-implimentazzjoni insuffiċjenti tal-Fond mill-Istati Membri u l-iżbalji possibbli li jirriżultaw mill-kumplessità tar-regoli u d-dgħufijiet fis-sistemi ta' ġestjoni u kontroll. Is-CPR jissimplifika l-qafas regolatorju billi jarmonizza r-regoli u s-sistemi ta' ġestjoni u kontroll madwar il-Fondi differenti b'ġestjoni kondiviża. Jissimplifika wkoll ir-rekwiżiti ta' kontroll (pereż. verifiki tal-ġestjoni bbażati fuq ir-riskju, il-possibbiltà għal arranġamenti ta' kontroll proporzjonati bbażati fuq proċeduri nazzjonali, limitazzjonijiet tax-xogħol tal-awditjar f'termini ta' żmien u / jew operazzjonijiet speċifiċi).

Ġestjoni diretta / indiretta:

Fuq il-bażi tal-analiżi riċenti tal-kawżi u tipi prinċipali tal-iżbalji l-iżjed li jiġu identifikati f'awditi *ex post*, l-oqsma prinċipali ta' irregolaritajiet jirriżultaw minn ġestjoni finanzjarja batuta tal-għotjiet mogħtija lill-benefiċjarji, dokumenti ta' prova neqsin jew inadegwati, akkwist pubbliku inkorrett, u spejjeż mhux ibbaġitati.

Konsegwentement ir-riskju huma prinċiparjament minħabba:

– l-iżgurar tal-kwalità ta' proġetti magħżula u l-implimentazzjoni teknika sussegwenti tagħhom, gwida mhux ċara jew mhux kompluta pprovduta lill-benefiċjarji jew monitoraġġ insuffiċjenti;

– riskju ta' użu ineffiċjenti jew mhux ekonomiku tal-fondi mogħtija, kemm għal għotjiet (kumplessità tar-rimborż ta' spejjeż eliġibbli reali flimkien ma' possibbiltajiet limitati li jiġu vverifikati l-ispejjeż eliġibbli madwar il-mejda) kif ukoll għal akkwist pubbliku (kultant numru limitat ta' fornituri ekonomiċi bl-għarfien speċjalista meħtieġ li jfisser possibbiltajiet ta' tqabbil ta' prezzijiet insuffiċjenti);

– riskju relatat mal-kapaċità ta' (speċjalment) organizzazzjonijiet iżgħar li jikkontrollaw in-nefqa b'mod effettiv kif ukoll jiżguraw it-trasparenza tal-operazzjonijiet mwettqa.

– riskju ta' reputazzjoni għall-Kummissjoni, jekk jiġu skopruti frodi jew attivitajiet kriminali; l-assigurazzjoni li tista' tittieħed mis-sistemi ta' kontroll intern ta' terzi persuni hija biss parzjali minħabba n-numru pjuttost kbir ta' kuntratturi u benefiċjarji eteroġeni, kull wieħed jopera s-sistema ta' kontroll tiegħu, ħafna drabi pjuttost żgħar fid-daqs.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn ir-riskji huma mistennija li jitnaqqsu minħabba tfassil aħjar ta' sejħiet għal proposti, gwida għal benefiċjarji, proposti mmirati u użu aħjar ta' spejjeż issimplifikati inklużi fir-Regolament Finanzjarju Ġdid.

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon ta' "spejjeż ta' kontroll ÷ valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija ta' riskju ta' żball (waqt il-ħlas u waqt l-għeluq)

Ġestjoni kondiviża:

L-ispejjeż ta' kontroll huma mistennija li jibqgħu l-istess jew potenzjalment jitnaqqsu għall-Istati Membri. Għaċ-ċiklu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020), mill-2017, l-ispiża kumulattiva ta' kontroll mill-Istati Membri hija stmata li hi madwar 5 % tal-ammont totali ta' ħlasijiet mitluba mill-Istati Membri għas-sena 2017.

Dan il-perċentwal huwa mistenni li jonqos b'titjib fl-effiċjenza tal-implimentazzjoni tal-programmi u b'żieda fil-ħlasijiet lill-Istati Membri.

Bl-introduzzjoni tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni u l-kontrolli fis-CPR flimkien ma' motivazzjoni msaħħa li jiġu adottati għażliet tal-ispejjeż issimplifikati (SCOs), l-ispiża ta' kontrolli għall-Istati Membri hija mistennija li tkompli tonqos.

Ġestjoni diretta / indiretta:

L-ispiża tal-kontrolli tammonta għal madwar 2.5 % tal-ħlasijiet magħmula minn DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni. Dan l-ammont huwa mistenni li jibqa' stabbli jew jonqos ftit f'każ fejn l-użu ta' SCO se jitwessa' fil-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifikazzjoni ta' miżuri protettivi u ta' prevenzjoni eżistenti jew maħsuba, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-prevenzjoni u l-identifikazzjoni tal-frodi huwa wieħed mill-għanijiet tal-kontroll intern kif stipulat fir-Regolament Finanzjarju u kwistjoni ewlenija tal-governanza, li l-Kummissjoni trid tindirizza matul iċ-ċiklu kollu tal-infiq.

Barra minn hekk, l-istrateġija tad-DĠ HOME għal kontra l-frodi (AFS) għandha l-għan prinċipali ta' prevenzjoni, identifikazzjoni u reparazzjoni tal-frodi, filwaqt li fost oħrajn tiżgura li l-kontrolli interni tagħha ta' kontra l-frodi jkunu allinjati għal kollox mal-istrateġija tal-Kummissjoni ta' kontra l-frodi (Commission's anti fraud strategy, CAFS) u li l-approċċ tagħha tal-ġestjoni tar-riskji ta' frodi jkun immirat li jidentifika oqsma b'riskju ta' frodi kif ukoll reazzjonijiet adegwati.

Fir-rigward tal-ġestjoni kondiviża, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-legalità u r-regolarità tan-nefqa inkluża fil-kont sottomess lill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa kollha biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu irregolaritajiet. Bħal fiċ-ċiklu ta' programmazzjoni attwali (2014-2020)[65], l-Istati Membri huma obbligati li jdaħħlu fis-seħħ proċeduri għall-identifikazzjoni tal-irregolaritajiet u għal kontra l-frodi u li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-irregolaritajiet, inkluża frodi suspettata u frodi stabbilita fl-

65 Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 1042/2014 tal-25 ta' Lulju 2014, Anness I; Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1973 tat-8 ta' Lulju 2015.

oqsma tal-ġestjoni kondiviża. Miżuri Kontra l-Frodi se jibqgħu prinċipju u obbligu trażversali għall-Istati Membri.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA / INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i ġodda tan-nefqa proposti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Intestatura Nru 4: Il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri	Diff./Mhux diff[66].	minn pajjiżi tal-EFTA[67]	mingħand il-pajjiżi kandidati[68]	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju
4	11.02.01 — Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi (BMVI)	Diff.	LE	LE	IVA	LE
4	11.01.01 — Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Viżi (BMVI) (Assistenza Teknika)	Mhux diff.	LE	LE	IVA	LE

66 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux-diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.

67 EFTA: L-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

68 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. L-impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	4	"Ġestjoni tal-Migrazzjoni u tal-Fruntieri"

			2021	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	***Wara l-2027***	**TOTAL**
Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji mniżżla taħt 3.1)	Impenji	(1)	605.643	1 152.796	1 165.153	1 244.444	1 257.299	1 270.410	1 280.255	—	7 976.000
	Pagamenti	(2)	39,834	73,210	308,262	830,687	1.223,613	1.211,502	1.206,009	3.082,882	7 976.000
Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[69]	Impenji = Pagamenti	(3)	5.654	5.767	5.882	6.000	6.120	6.242	6.335	—	42.000
TOTAL ta' appropprazzjonijiet għall-pakkett tal-programm	Impenji	=1+3	611.297	1 158.563	1 171.035	1 250.444	1 263.419	1 276.652	1 286.590	—	8 018.000
	Pagamenti	=2+3	45,488	78,977	314,144	836,687	1.229,733	1.217,744	1.212,344	3.082,882	8 018.000

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	"Nefqa amministrattiva"

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela bl-użu tad-"*data* tal-baġit ta' natura amministrattiva" li se tiġi introdotta għall-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (LFS), li hija mtella' fuq DECIDE għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

[69] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ tal-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (linji 'BA' preċedenti), riċerka indiretta, riċerka diretta.

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
Riżorsi umani		10.329	11.473	13.046	13.046	13.046	13.046	13.046		87.032
Nefqa amministrattiva oħra		0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202		1.412
TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	10.531	11.675	13.248	13.248	13.248	13.248	13.248		88.444

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	*Wara l-2027*	TOTAL
TOTAL tal-approprjazzjonijiet madwar l-INTESTATURI tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	621.83	1 170.24	1 184.28	1 263.69	1 276.67	1 289.90	1 299.84	-	8 106.44
	Pagamenti	56,02	90,65	327,39	849,93	1.242,98	1.230,99	1.225,59	3.082,88	8 106.44

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

- ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☑ Il-proposta / L-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**	**2027**	**TOTAL**
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	10.329	11.473	13.046	13.046	13.046	13.046	13.046	87.032
Nefqa amministrattiva oħra	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	0.202	1.412
Subtotal għall-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	10.531	11.675	13.248	13.248	13.248	13.248	13.248	88.444
Barra INTESTATURA 7[70] tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	5.654	5.767	5.882	6.000	6.120	6.242	6.335	42.000
Subtotal barra INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	5.654	5.767	5.882	6.000	6.120	6.242	6.335	42.000
TOTAL	**16.185**	**17.442**	**19.130**	**19.248**	**19.368**	**19.490**	**19.583**	**130.444**

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva sejrin jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

[70] Assistenza teknika u / jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u / jew ta' azzjonijiet tal-UE (dawk li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu tar-riżorsi umani.

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)								
Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		65	73	84	84	84	84	84
Delegazzjonijiet		3	3	3	3	3	3	3
Riċerka								
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti ta' ingaġġ Full Time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED [71] Intestatura 7								
Iffinanzjati minn INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali	8	8	8	8	8	8	8
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Ieħor (speċifika)								
TOTAL		**76**	**84**	**95**	**95**	**95**	**95**	**95**

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li ġie skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tat-tmexxija skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanji	Il-persunal ta' 95 FTE sal-2027 jirrappreżenta l-persunal globali meħtieġ għall-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-Fondi. Huwa kompost minn persunal li diġà qed jaħdem fid-DĠ Migrazzjoni u Affarijiet Interni għall-ISF (linja bażi: 66 FTE = 6 CA, 22 AST, 36 AD inkluż 1 AD f'Delegazzjoni, 1 SNE, 1 INT) sa April 2018 u persunal addizzjonali (+6 AST, +23 AD li minnhom tnejn huma għad-Delegazzjonijiet). Ara d-deskrizzjoni tal-kompiti hawn taħt għal dan il-persunal addizzjonali: **Ippjanar, programmazzjoni, relazzjoni mal-Aġenziji (+1 AST, +2 AD):** - provvista ta' input għall-proċedura tal-baġit, - ħolqien ta' rabta bejn fondi u aġenziji (pereż. għotjiet / ftehimiet ta' delegazzjoni lil aġenziji) inkluż 1 AD esklussivament għar-relazzjoni mal-Frontex. **Awditi, OLAF, QEA (+5 AD):** - l-eżekuzzjoni ta' kontrolli kif deskritt qabel (verifika *ex ante*, kumitat ta' akkwist, awditjar *ex post*, awditjar intern, approvazzjoni ta' kontijiet), - segwiment tal-awditi ġestit mill-IAS u s-CoA. **Ġestjoni diretta (+2 AST, +2 AD):** - it-tħejjija ta' programmi ta' ħidma annwali / deċiżjonijiet ta' finanzjament, l-iffissar ta' prijoritajiet annwali;

[71] AC = persunal kuntrattwali; AL = persunal lokali; END = espert nazzjonali sekondat; INT = persunal tal-aġenzija; JPD = Professjonisti Żgħażagħ fid-Delegazzjonijiet.

	- komunikazzjoni mal-partijiet ikkonċernati (benefiċjarji potenzjali / reali, Stati Membri.), - tieħu ħsieb sejħiet għal proposti u sejħiet għal offerti u l-proċedura tal-għażla sussegwenti, - ġestjoni operattiva ta' proġetti. **Ġestjoni kondiviża (inkluż TF) (+2 AST, + 6 AD):** - twettiq ta' djalogu dwar politika mal-Istati Membri, - ġestjoni tal-programmi nazzjonali, - abbozzar ta' linji gwida għall-Istati Membri, - żvilupp u ġestjoni ta' għodod tal-IT ta' ġestjoni ta' għotjiet u programmi nazzjonali. **Sinerġiji ma' fondi oħra (+2 AD):** - koordinazzjoni mal-fondi ta' dimensjoni esterna, - koordinazzjoni fil-kuntest tas-CPR, - sinerġiji u komplementarjetà ma' fondi oħra. **Ġestjoni finanzjarja (+1 AST):** - bidu tal-proċedura finanzjarja u verifika finanzjarja, - kontabbiltà, il-monitoraġġ u r-rappurtar dwar l-ilħiq tal-għanijiet, inklużi fir-rapporti annwali ta' attività u r-rapporti tal-uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega **Persunal għal direttorati oħra li jaħdmu fuq kwistjonijiet ta' finanzjament (+ 4 AD):** - Uffiċjali ta' politika involuti fl-implimentazzjoni tal-fondi (pereż. evalwazzjoni ta' rapporti tekniċi minn benefiċjarji ta' ġestjoni diretta, evalwazzjoni ta' rapporti ta' implimentazzjoni annwali għal ġestjoni kondiviża.
Persunal estern	Il-kompiti huma simili għal dawk ta' uffiċjali u aġenti temporanji, ħlief għal kompiti li ma jistgħux jiġu ssodisfatti minn persunal estern.
Persunal f'delegazzjonijiet	**+ 2 AD:** Biex jakkumpanjaw l-iżvilupp tal-implimentazzjoni ta' politika fil-qasam tal-affarijiet interni, u b'mod partikolari d-dimensjoni esterna tiegħu, delegazzjonijiet tal-UE jridu jkunu mgħammra b'biżżejjed għarfien espert dwar l-affarijiet interni. Dan jista' jkun persunal mill-Kummissjoni Ewropea u/jew mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.

3.2.3. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta / L-inizjattiva:

– ☐ ma tipprevedi l-ebda kofinanzjament minn terzi persuni

– ☑ tipprevedi l-kofinanzjament minn terzi persuni stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament	SM	SM	SM	SM	SM	SM	SM	
TOTAL ta' approprjazzjonijiet kofinanzjati	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	tbd	

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

– ☐ Il-proposta / L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☑ Il-proposta / L-inizjattiva jkollha l-impatt finanzjarju li ġej:

  – ☐ fuq ir-riżorsi proprji

  – ☑ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji tan-nefqa ☐

f'miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja tal-baġit tad-dħul:	Impatt tal-proposta / tal-inizjattiva[72]						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu …………							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i tan-nefqa tal-baġit affettwat/i.

L-ammont eżatt se jiġi determinat minn ftehim bilaterali bejn il-Kummissjoni u Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen individwali. Il-ftehim se jiġi nnegozjat fil-futur.

Rimarki oħra (pereż. metodu / formula użati biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

72 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis rilevanti tal-kostijiet tal-ġbir.